Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għas-Sajd

2025/0106(COD)

12.11.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), ir-Regolament (UE) 2018/975 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO), ir-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral, ir-Regolament (UE) 2021/56 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali, ir-Regolament (UE) 2022/2056 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali, ir-Regolament (UE) 2022/2343 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona ta' Kompetenza tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC), u r-Regolament (UE) 2023/2053 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran
(COM(2025)0195 – C10-0082/2025 – 2025/0106(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Thomas Bajada

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 173

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), ir-Regolament (UE) 2018/975 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO), ir-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral, ir-Regolament (UE) 2021/56 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali, ir-Regolament (UE) 2022/2056 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali, ir-Regolament (UE) 2022/2343 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona ta' Kompetenza tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC), u r-Regolament (UE) 2023/2053 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran
(COM(2025)0195 – C10-0082/2025 – 2025/0106(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0195),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0082/2025),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Lulju 2025[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 41 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

[1] ĠU C, C/2025/5154, 28.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5154/oj .

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Fil-laqgħat annwali tagħha tal-2022 ***u*** tal-2023, id-WCPFC adottat miżuri relatati ma' servizzi ta' bunkering u l-protezzjoni tal-klieb il-baħar u l-użu ta' brazzoli, xbieki gwida magħmula mill-wajer u kalamenti tal-klieb il-baħar minn bastimenti tas-sajd bil-konz tal-Unjoni bi projbizzjoni taż-żamma tal-klieb il-baħar u l-obbligu ta' rilaxx, kif ukoll iċ-ċediment jew l-iskartar ta' eżemplari ta' klieb il-baħar tal-qarnuta bajda oċeaniċi u ta' tawri seta li jinqabdu b'mod mhux intenzjonat.	(16) Fil-laqgħat annwali tagħha tal-2022***,*** tal-2023 ***u tal-2024***, id-WCPFC adottat miżuri relatati ma' servizzi ta' bunkering u l-protezzjoni tal-klieb il-baħar u l-użu ta' brazzoli, xbieki gwida magħmula mill-wajer u kalamenti tal-klieb il-baħar minn bastimenti tas-sajd bil-konz tal-Unjoni bi projbizzjoni taż-żamma tal-klieb il-baħar u l-obbligu ta' rilaxx, kif ukoll iċ-ċediment jew l-iskartar ta' eżemplari ta' klieb il-baħar tal-qarnuta bajda oċeaniċi u ta' tawri seta ***jew ċetaċji*** li jinqabdu b'mod mhux intenzjonat.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Ir-Riżoluzzjoni 24/06 tal-IOTC implimentat projbizzjoni fuq l-iskartar ta' tonn obeż, palamit, tonn isfar, u speċijiet mhux fil-mira li jinqabdu minn bastimenti fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni tal-IOTC li joperaw fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC***:*** il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw tipi differenti ta' rkaptu ***minn*** dak użat mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża huma mħeġġa jżommu abbord u mbagħad iħottu l-art il-ħut kollu tajjeb	(20) Ir-Riżoluzzjoni 24/06 tal-IOTC implimentat projbizzjoni fuq l-iskartar ta' tonn obeż, palamit, tonn isfar, u speċijiet mhux fil-mira li jinqabdu minn bastimenti fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni tal-IOTC li joperaw fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC**.** Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw tipi differenti ta' rkaptu ***għajr*** dak użat mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża huma mħeġġa jżommu abbord u mbagħad iħottu l-art il-ħut kollu tajjeb

għall-konsum mill-bniedem, u jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw ir-rilaxx sikur tal-ispeċijiet mhux fil-mira meħuda ħajjin, sa fejn ikun possibbli, filwaqt li titqies is-sikurezza tal-ekwipaġġ***; u jżommu*** abbord u mbagħad iħottu l-art l-ispeċijiet mejtin kollha mhux fil-mira, ħlief dawk meqjusa mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jew ipprojbiti milli jinżammu.	għall-konsum mill-bniedem, u jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw ir-rilaxx sikur tal-ispeċijiet mhux fil-mira meħuda ħajjin, sa fejn ikun possibbli, filwaqt li titqies is-sikurezza tal-ekwipaġġ**.** ***Huma mħeġġa wkoll iżommu*** abbord u mbagħad iħottu l-art l-ispeċijiet mejtin kollha mhux fil-mira, ħlief dawk meqjusa mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jew ipprojbiti milli jinżammu.
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Id-data personali pproċessata fil-qafas tar-Regolamenti emendati minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi ttrattata f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) 2018/1725. Sabiex jiġi żgurat l-issodisfar tal-obbligi skont ir-Regolamenti (UE) 2017/2107, (UE) 2018/975, (UE) 2019/833, (UE) 2021/56, (UE) 2022/2056, u (UE) 2023/2053 kif emendati, id-data personali jenħtieġ li tinħażen għal perjodu ta' 10 snin. F'każ li d-data personali inkwistjoni tkun meħtieġa sabiex isir segwitu ta' ksur, spezzjoni jew proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi, jenħtieġ li jkun possibbli li dik id-data tinħażen għal perjodu li jaqbeż l-10 snin, iżda mhux aktar minn 20 sena.
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 30a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Jiżdied*** l-Artikolu ***30a***:	(2) ***Jiddaħħal*** l-Artikolu ***li ġej***:
“Artikolu 30a	“Artikolu 30a
Klieb balena (Rhincodon typus)	Klieb balena (Rhincodon typus)
1. ***Iż-żamma*** abbord, ***it-trażbord***, jew ***il-ħatt*** l-art, ***ta’*** kwalunkwe parti minn karkassa jew il-karkassa sħiħa tal-klieb balena maqbuda b’rabta mas-sajd tal-ICCAT ***għandhom ikunu pprojbiti.***	1. ***Għandu jkun ipprojbit li:***
2. ***Il-kalar ta’*** tartarun tal-borża fuq ġliba tonn assoċjata ma’ kelb balena wara l-ilmiħ tal-kelb il-baħar ikkonċernat ***għandu jkun ipprojbit***.	***(a) tinżamm*** abbord, ***tiġi ttrażbordata***, jew ***tinħatt*** l-art, kwalunkwe parti minn karkassa jew il-karkassa sħiħa tal-klieb balena maqbuda b’rabta mas-sajd tal-ICCAT***;***
	(***b) jiġi kalat*** tartarun tal-borża fuq ġliba tonn assoċjata ma’ kelb balena wara l-ilmiħ tal-kelb il-baħar ikkonċernat.
3. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jirrikjedu li meta kelb*** balena ***jiġi mdawwar*** inċidentalment fix-xibka tat-tartarun tal-borża***, il-kaptan għandu jieħu l-passi raġonevoli kollha biex jiżgura r-rilaxx sikur tiegħu***.	***2. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni*** għandhom ***jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw ir-rilaxx sikur tal-klieb*** balena ***li jkunu mdawrin*** inċidentalment fix-xibka tat-tartarun tal-borża.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***tali interazzjonijiet mal-klieb balena matul l-operazzjonijiet bit-tartarun tal-borża jiġu rreġistrati permezz tal-programmi*** ta’ osservazzjoni domestiċi tagħhom u li tinġabar l-informazzjoni li ġejja:	***3.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-programmi*** ta’ osservazzjoni domestiċi tagħhom ***jirreġistraw l-operazzjonijiet bit-tartarun tal-borża b’interazzjonijiet mal-klieb balena msemmija fil-paragrafi 1 u 2,*** u li tinġabar l-informazzjoni li ġejja:
(a) id-dettalji taċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tidwir u dawk relatati miegħu;	(a) id-dettalji taċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tidwir u dawk relatati miegħu;
(b) l-għadd ta’ individwi involuti matul l-interazzjoni;	(b) l-għadd ta’ individwi involuti matul l-interazzjoni;
(c) ***il-post*** tal-interazzjoni;	(c) ***il-pożizzjonijiet ġeografiċi*** tal-interazzjoni;
(d) il-passi meħuda biex jiġu żgurati l-manipulazzjoni u r-rilaxx sikuri tal-	(d) il-passi meħuda ***mill-bastiment tas-sajd*** biex jiġu żgurati l-manipulazzjoni u r-rilaxx sikuri tal-eżemplari mdawra fit-

eżemplari mdawra fit-tartarun tal-borża;	tartarun tal-borża;
(e) valutazzjoni tal-istat ta' ħajja tal-eżemplar(i) tal-kelb/klieb balena mar-rilaxx (ħaj/mejjet/moribond/inċert).	(e) valutazzjoni tal-istat ta' ħajja tal-eżemplar(i) tal-kelb/klieb balena mar-rilaxx (ħaj/mejjet/moribond/inċert).
5. ***L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-data u l-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 4 fir-rapporti annwali tagħhom***. ***Għad-data miġbura permezz ta' programmi ta' osservazzjoni,*** l-Istati Membri għandhom ***jirrapportawha*** lill-Kummissjoni f'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar tad-data tal-ICCAT. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta din id-data lis-Segretarjat tal-ICCAT.	***4***. L-Istati Membri għandhom ***jirrapportaw*** lill-Kummissjoni***,*** f'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar tad-data tal-ICCAT***, id-data u l-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 3 fir-rapporti annwali tagħhom***. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta din id-data lis-Segretarjat tal-ICCAT.
6. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa ***5*** għandhom japplikaw esklużivament għall-bastimenti tas-sajd li joperaw bejn 40° N u 40° S.	***5.*** Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa ***4*** għandhom japplikaw esklużivament għall-bastimenti tas-sajd li joperaw bejn 40° N u 40° S.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 33a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' ***mill-inqas*** 12-il metru jew aktar għandhom jitħallew iżommu l-pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku biss meta l-ħut ikun mejjet meta jittella' lura, u l-bastiment ikollu osservatur jew sistema ta' monitoraġġ elettroniku (EMS, electronic monitoring system) li tiffunzjona abbord biex jivverifikaw il-kundizzjoni tal-klieb il-baħar.	6. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar għandhom jitħallew iżommu l-pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku biss meta l-ħut ikun mejjet meta jittella' lura, u l-bastiment ikollu osservatur jew sistema ta' monitoraġġ elettroniku (EMS, electronic monitoring system) li tiffunzjona abbord biex jivverifikaw il-kundizzjoni tal-klieb il-baħar.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 33a – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minbarra l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' ***inqas minn*** 12-il metru, bastiment ma għandux iżomm aktar minn eżemplar wieħed ta' pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku għal kwalunkwe vjaġġ tas-sajd.	7. Minbarra l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 12-il metru ***jew aktar***, bastiment ma għandux iżomm aktar minn eżemplar wieħed ta' pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku għal kwalunkwe vjaġġ tas-sajd.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 35a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Iż-żamma*** abbord, ***it-trażbord***, ***il-ħatt*** l-art jew ***il-ħżin ta'*** kwalunkwe parti minn karkassa jew il-karkassa sħiħa ta' speċijiet ta' raja manta tal-iskoll (Manta alfredi), manta ġiganta (Manta birostris), raja tal-qrun minuri (Mobula hypostoma), mobula denbha xewka (Mobula japanica), baqra (Mobula mobular), mobula taċ-Ċilì (Mobula tarapacana) jew mobula denbha lixx (Mobula thurstoni), minn hawn 'il quddiem imsejħa raj tal-qrun u maqbuda b'rabta mas-sajd tal-ICCAT ***għandhom ikunu pprojbiti***.	1. ***Għandu jkun ipprojbit li tinżamm*** abbord, ***tiġi ttrażbordata***, ***tinħatt*** l-art jew ***tinħażen*** kwalunkwe parti minn karkassa jew il-karkassa sħiħa ta' speċijiet ta' raja manta tal-iskoll (Manta alfredi), manta ġiganta (Manta birostris), raja tal-qrun minuri (Mobula hypostoma), mobula denbha xewka (Mobula japanica), baqra (Mobula mobular), mobula taċ-Ċilì (Mobula tarapacana) jew mobula denbha lixx (Mobula thurstoni), minn hawn 'il quddiem imsejħa raj tal-qrun u maqbuda b'rabta mas-sajd tal-ICCAT.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 35a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Permezz tal-programmi*** ta' osservazzjoni domestiċi tagħhom***, l-Istati Membri għandhom*** jirreġistraw l-għadd ta' qbid skartat u rilaxxi ta' raj tal-qrun maqbuda fis-sajd tal-ICCAT u, meta possibbli, indikazzjoni tal-istatus (mejtin jew ħajjin). L-Istati Membri għandhom jirrapportawhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta din id-data lis-segretarjat tal-ICCAT.	3. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi*** ta' osservazzjoni domestiċi tagħhom jirreġistraw l-għadd ta' qbid skartat u rilaxxi ta' raj tal-qrun maqbuda fis-sajd tal-ICCAT u, meta possibbli, indikazzjoni tal-istatus (mejtin jew ħajjin). L-Istati Membri għandhom jirrapportawhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta din id-data lis-segretarjat tal-ICCAT.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 35a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każ ta' raj tal-qrun li jinqabad u jiġi ffriżat b'mod mhux intenzjonat bħala parti minn operazzjoni ta' bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża, il-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni għandhom iċedu r-raja tal-qrun sħiħa lill-awtoritajiet ***governattivi responsabbli, jew lil awtorità*** kompetenti ***oħra***, jew jarmuha fil-punt tal-ħatt l-art. Ir-raj tal-qrun ċeduti b'dan il-mod ma jistgħux jinbiegħu jew jitpartu iżda jistgħu jingħataw b'donazzjoni għall-finijiet ta' konsum domestiku mill-bniedem.	4. Fil-każ ta' raj tal-qrun li jinqabad u jiġi ffriżat b'mod mhux intenzjonat bħala parti minn operazzjoni ta' bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża, il-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni għandhom iċedu r-raja tal-qrun sħiħa lill-awtoritajiet kompetenti, jew jarmuha fil-punt tal-ħatt l-art. Ir-raj tal-qrun ċeduti b'dan il-mod ma jistgħux jinbiegħu jew jitpartu iżda jistgħu jingħataw b'donazzjoni għall-finijiet ta' konsum domestiku mill-bniedem.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 41 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fin-Nofsinhar tal-Atlantiku:	7. Fin-Nofsinhar tal-Atlantiku:
il-paragrafi 2a, 4 u 5 ma għandhomx japplikaw għal bastimenti li joperaw biss fit-Tramuntana ta' 55°N jew fin-Nofsinhar tal-latitudni 35°S fil-Lvant tan-Nofsinhar tal-Atlantiku u fin-Nofsinhar tal-latitudni 40°S fil-Punent tan-Nofsinhar tal-Atlantiku**.**	***(a)*** il-paragrafi 2a, 4 u 5 ma għandhomx japplikaw għal bastimenti li joperaw biss fit-Tramuntana ta' 55°N jew fin-Nofsinhar tal-latitudni 35°S fil-Lvant tan-Nofsinhar tal-Atlantiku u fin-Nofsinhar tal-latitudni 40°S fil-Punent tan-Nofsinhar tal-Atlantiku***;**
Il-limitu għad-diviżjoni bejn il-Lvant tan-Nofsinhar tal-Atlantiku u l-Punent tan-Nofsinhar tal-Atlantiku huwa ta' 20°W.	(b) il-limitu għad-diviżjoni bejn il-Lvant tan-Nofsinhar tal-Atlantiku u l-Punent tan-Nofsinhar tal-Atlantiku huwa ta' 20°W.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 66a – Paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta bastiment jintlemaħ skont il-paragrafu 1, l-Istat Membru kkonċernat jew l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) (l-"entità tal-ilmiħ") għandhom jirreġistraw is-sejbiet u jibagħtu rapport mingħajr dewmien, jekk possibbli b'mezzi elettroniċi, lill-awtoritajiet xierqa tal-Istat Membru tal-bandiera jew ta' PKK jew ta' bandiera mhux ta' PKK tal-bastiment li jkun intlemaħ, b'kopja lis-segretarjat tal-ICCAT, lill-Kummissjoni u lill-EFCA. Jekk il-bastiment li jkun intlemaħ ikollu bandiera ta' Stat Membru, l-Istat Membru tal-bandiera għandu, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, jieħu azzjoni xierqa fir-rigward tal-bastiment ikkonċernat; kemm l-entità tal-ilmiħ kif ukoll l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment li jkun intlemaħ għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-ilmiħ lill-Kummissjoni u lill-EFCA, inklużi dettalji ta' kwalunkwe azzjoni ta' segwitu meħuda.	3. Meta bastiment jintlemaħ skont il-paragrafu 1, l-Istat Membru kkonċernat jew l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) (l-"entità tal-ilmiħ") għandhom jirreġistraw is-sejbiet u jibagħtu rapport mingħajr dewmien, jekk possibbli b'mezzi elettroniċi, lill-awtoritajiet xierqa tal-Istat Membru tal-bandiera jew ta' PKK jew ta' bandiera mhux ta' PKK tal-bastiment li jkun intlemaħ, b'kopja lis-segretarjat tal-ICCAT, lill-Kummissjoni u***, meta jkun xieraq,*** lill-EFCA. Jekk il-bastiment li jkun intlemaħ ikollu bandiera ta' Stat Membru, l-Istat Membru tal-bandiera għandu, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, jieħu azzjoni xierqa fir-rigward tal-bastiment ikkonċernat; kemm l-entità tal-ilmiħ kif ukoll l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment li jkun intlemaħ għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-ilmiħ lill-Kummissjoni u***, meta jkun xieraq,*** lill-EFCA, inklużi dettalji ta'

kwalunkwe azzjoni ta' segwitu meħuda.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 72

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) L-Artikolu 72 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 72	"Artikolu 72
Kunfidenzjalità	Kunfidenzjalità ***u protezzjoni tad-data***
Id-data li tinġabar u li tiġi skambjata fil-kuntest ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ttrattata skont ir-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità skont l-Artikoli 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.	1. Id-data li tinġabar u li tiġi skambjata fil-kuntest ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ttrattata skont ir-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità skont l-Artikoli 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
	2. Il-ġbir, it-trasferiment, il-ħżin jew l-ipproċessar b'xi mod ieħor ta' kwalunkwe data f'konformità ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679* u (UE) 2018/1725** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
	3. Id-data personali pproċessata skont dan ir-Regolament ma għandhiex tinħażen għal perjodu itwal minn 10 snin, ħlief jekk dik id-data personali tkun meħtieġa biex tippermetti s-segwitu ta' ksur, spezzjoni, jew proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi. F'dawk il-każijiet, id-data personali tista' tinħażen għal massimu ta' 20 sena. Jekk id-data personali tinżamm għal perjodu itwal, id-data għandha tiġi anonimizzata.
	****Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar***

ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

*****Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).***

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-punt (7) ***"sajd tal-qiegħ"*** huwa sostitwit b'dan li ġej:	(a) il-punt (7) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(7) "sajd tal-qiegħ" tfisser sajd bl-użu ta' kwalunkwe tip ta' rkaptu li aktarx jiġi f'kuntatt ma' qiegħ il-baħar jew ma' organiżmi bentiċi matul il-kors normali tal-operazzjonijiet inkluż ***it-tkarkir*** tal-qiegħ, ***it-tkarkir*** pelaġiku u ***x-xlief*** tal-qiegħ;	(7) "sajd tal-qiegħ" tfisser sajd bl-użu ta' kwalunkwe tip ta' rkaptu li aktarx jiġi f'kuntatt ma' qiegħ il-baħar jew ma' organiżmi bentiċi matul il-kors normali tal-operazzjonijiet inkluż ***is-sajd bit-tkarkir*** tal-qiegħ, ***is-sajd bit-tkarkir*** pelaġiku u ***s-sajd bix-xlief*** tal-qiegħ;

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punti 7a, 7b u 7c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) (7a) "***tkarkir*** tal-qiegħ" tfisser sajd bl-użu ta' xibka tat-tkarkir ddisinjata biex tinġibed mill-ilma u biex tiġi f'kuntatt ma' qiegħ il-baħar;	(7a) "***sajd bit-tkarkir*** tal-qiegħ" tfisser sajd bl-użu ta' xibka tat-tkarkir ddisinjata biex tinġibed mill-ilma u biex tiġi f'kuntatt ma' qiegħ il-baħar;
(b) (7b) "***tkarkir*** pelaġiku" tfisser sajd għal speċijiet bentopelaġiċi bl-użu ta' xibka tat-tkarkir ddisinjata biex tinġibed mill-ilma qrib qiegħ il-baħar u ddisinjata biex ma tiġix f'kuntatt estiż ma' qiegħ il-baħar;	(7b) "***sajd bit-tkarkir*** pelaġiku" tfisser sajd għal speċijiet bentopelaġiċi bl-użu ta' xibka tat-tkarkir ddisinjata biex tinġibed mill-ilma qrib qiegħ il-baħar u ddisinjata biex ma tiġix f'kuntatt estiż ma' qiegħ il-baħar;
(c) (7c) "***xlief*** tal-qiegħ" tfisser is-sajd bl-użu ta' xlief li miegħu jitwaħħlu sunnara jew snanar (kemm jekk bil-lixka kif ukoll jekk le) u jiġi armat biex jegħreq għal sajd fuq jew qrib ta' qiegħ il-baħar li jinkludi, iżda mhux limitat għal, konzijiet, xolfa tal-idejn, imtielaq, trotlines, u konzijiet bis-sufruni;	(7c) "***sajd bix-xlief*** tal-qiegħ" tfisser is-sajd bl-użu ta' xlief li miegħu jitwaħħlu sunnara jew snanar (kemm jekk bil-lixka kif ukoll jekk le) u jiġi armat biex jegħreq għal sajd fuq jew qrib ta' qiegħ il-baħar li jinkludi, iżda mhux limitat għal, konzijiet, xolfa tal-idejn, imtielaq, trotlines, u konzijiet bis-sufruni;

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punt 11 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ma ġietx soġġetta għas-sajd fl-10 snin preċedenti meta tali sajd kien limitat għal sajd immirat awtorizzat mill-Kummissjoni SPRFMO abbażi ta' parir mill-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, u l-ispeċi fil-mira ġiet definita bħala l-akbar perċentwal f'piż ħaj tal-qabda totali fi kwalunkwe refgħa, tkarkira jew kalar partikolari; jew	(a) ma ġietx soġġetta għas-sajd fl-10 snin preċedenti***, u*** meta tali sajd kien limitat għal sajd immirat awtorizzat mill-Kummissjoni SPRFMO abbażi ta' parir mill-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, u l-ispeċi fil-mira ġiet definita bħala l-akbar perċentwal f'piż ħaj tal-qabda totali fi kwalunkwe refgħa, tkarkira jew kalar partikolari; jew

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c

Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punt 11 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għall-finijiet tas-sajd b'tip ta' rkaptu jew teknika partikolari, ma ġietx soġġetta għas-sajd b'dak it-tip ta' rkaptu jew teknika partikolari fl-10 snin preċedenti meta tali sajd kien limitat għal sajd immirat awtorizzat mill-Kummissjoni SPRFMO abbażi ta' parir mill-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, u l-ispeċi fil-mira kienet definita bħala l-akbar perċentwal f'piż ħaj tal-qabda totali fi kwalunkwe refgħa, tkarkira jew kalar partikolari; jew	(b) għall-finijiet tas-sajd b'tip ta' rkaptu jew teknika partikolari, ma ġietx soġġetta għas-sajd b'dak it-tip ta' rkaptu jew teknika partikolari fl-10 snin preċedenti***, u*** meta tali sajd kien limitat għal sajd immirat awtorizzat mill-Kummissjoni SPRFMO abbażi ta' parir mill-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, u l-ispeċi fil-mira kienet definita bħala l-akbar perċentwal f'piż ħaj tal-qabda totali fi kwalunkwe refgħa, tkarkira jew kalar partikolari; jew

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punt 11 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tikkostitwixxi attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***12, il-paragrafu 2***; jew	(d) tikkostitwixxi attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***12(2)***; jew

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt d
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) "reġistru tal-SPRFMO tal-bastimenti ta' spezzjoni awtorizzati u tal-awtoritajiet tal-bastimenti ta' spezzjoni" tfisser il-lista ta' bastimenti ta' spezzjoni u	(20) "reġistru tal-SPRFMO tal-bastimenti ta' spezzjoni awtorizzati u tal-awtoritajiet tal-bastimenti ta' spezzjoni" tfisser il-lista ta' bastimenti ta' spezzjoni u

ta’ awtoritajiet awtorizzati biex iwettqu tlugħ abbord u spezzjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO, kif innotifikata mill-Partijiet Kontraenti u mis-CNCPs, li tinżamm mis-Segretarjat tal-SPRFMO;	ta’ awtoritajiet awtorizzati biex iwettqu tlugħ abbord u spezzjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO, kif innotifikata ***mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni, mill-EFCA,*** mill-Partijiet Kontraenti u mis-CNCPs, li tinżamm mis-Segretarjat tal-SPRFMO;

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt d
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) “awtoritajiet tal-bastimenti ta’ spezzjoni” tfisser l-awtoritajiet tal-Parti Kontraenti tal-SPRFMO li l-bastiment ta’ spezzjoni jkun qed itajjar il-bandiera tagħha;	(21) “awtoritajiet tal-bastimenti ta’ spezzjoni” tfisser l-awtoritajiet tal-Parti Kontraenti tal-SPRFMO ***jew tal-Istat Membru*** li l-bastiment ta’ spezzjoni jkun qed itajjar il-bandiera tagħha;

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt d
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) “irkaptu tas-sajd mitluf” tfisser irkaptu tas-sajd li l-bastiment ikun tilef il-kontroll tiegħu b’mod aċċidentali u li ma jkunx jista’ jinstab u/jew jiġi rkuprat;	(25) “irkaptu tas-sajd mitluf” tfisser irkaptu tas-sajd li l-bastiment ikun tilef il-kontroll tiegħu b’mod aċċidentali u li ma jkunx jista’ jinstab u/jew jiġi rkuprat;

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt d

Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) "irkaptu tas-sajd skartat" tfisser irkaptu tas-sajd rilaxxat fil-baħar mingħajr ebda tentattiv ***għal aktar kontroll jew irkupru*** mill-bastiment; u	(26) "irkaptu tas-sajd skartat" tfisser irkaptu tas-sajd rilaxxat fil-baħar mingħajr ebda tentattiv mill-bastiment ***biex jikkontrollah jew jirkuprah***; u

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 7 – paragrafu 1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1c. Għall-ewwel rapport ta' 15-il jum li għandu jiġi sottomess, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-qabdiet tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum minn tmiem l-ewwel perjodu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 20 jum mit-tmiem ta' dak il-perjodu. L-Istati Membri għandhom ***sussegwentement*** jirrapportaw il-qabdiet tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien 5 ijiem mit-tmiem ta' kull perjodu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 10 ijiem mit-tmiem ta' kull perjodu.	1c. Għall-ewwel rapport ta' 15-il jum li għandu jiġi sottomess, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-qabdiet tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum minn tmiem l-ewwel perjodu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 20 jum mit-tmiem ta' dak il-perjodu. ***Għall-perjodi sussegwenti ta' 15-il jum,*** l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-qabdiet tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien 5 ijiem mit-tmiem ta' kull perjodu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 10 ijiem mit-tmiem ta' kull perjodu.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***it-tkarkir*** tal-qiegħ ***għandu jseħħ***	(a) ***sajd bit-tkarkir*** tal-qiegħ ***jista' jsir***

biss f'żona ta' ġestjoni ***tat-tkarkir*** tal-qiegħ;	biss f'żona ta' ġestjoni ***tas-sajd bit-tkarkir*** tal-qiegħ;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 12 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***it-tkarkir*** pelaġiku ***għandu*** jsir biss f'żona ta' ġestjoni ***tat-tkarkir*** pelaġiku jew f'żona ta' ġestjoni tas-sajd tal-qiegħ ***bix-xlief***; u	(b) ***is-sajd bit-tkarkir*** pelaġiku ***jista' jsir biss*** f'żona ta' ġestjoni ***tas-sajd bit-tkarkir*** pelaġiku jew f'żona ta' ġestjoni tas-sajd ***bit-tkarkir*** tal-qiegħ; u

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***s-sajd*** tal-qiegħ ***bix-xlief għandu jseħħ*** biss f'żona ta' ġestjoni.	(c) ***is-sajd bil-konzijiet*** tal-qiegħ ***jista' jsir*** biss f'żona ta' ġestjoni ***tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ***.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ġewwa żona ta' ġestjoni bl-użu ta' metodi tas-sajd tal-qiegħ minbarra s-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku jew is-sajd bil-	(b) ġewwa żona ta' ġestjoni bl-użu ta' metodi tas-sajd tal-qiegħ minbarra s-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku jew is-sajd bil-

konzijiet tal-qiegħ; jew	konzijiet tal-qiegħ; jew

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ġewwa żona ta' ġestjoni ***li timmira speċi li*** qabel ma kinux fil-mira taż-żona ***proposta għas-sajd*** sakemm l-ispeċi ma tkunx inqabdet b'mod regolari bħala parti minn sajd eżistenti.	(d) ġewwa żona ta' ġestjoni ***fejn l-ispeċi fil-mira*** qabel ma kinux fil-mira taż-żona ***fejn se jsiru l-attivitajiet tas-sajd*** sakemm l-ispeċi ma tkunx inqabdet b'mod regolari bħala parti minn sajd eżistenti.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-impatt imsemmija fil-paragrafu 2 jiġu aġġornati mill-inqas kull 3 snin ***u*** meta tkun seħħet bidla sostanzjali fis-sajd li x'aktarx taffettwa l-livell ta' riskju jew impatt tas-sajd ***u*** għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni hekk kif issir disponibbli. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-impatt imsemmija fil-paragrafu 2 jiġu aġġornati mill-inqas kull 3 snin***.*** Meta tkun seħħet bidla sostanzjali fis-sajd li x'aktarx taffettwa l-livell ta' riskju jew impatt tas-sajd***, l-Istati Membri*** għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni hekk kif issir disponibbli. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jinstabu unitajiet tassonomiċi indikaturi tal-VME kif ***iddefiniti*** fl-Anness XVI fi tkarkira waħda jew aktar fil-limiti tal-piż fl-Anness XVII jew ogħla minnhom, jew tliet unitajiet tassonomiċi indikaturi tal-VME differenti jew aktar fil-limiti tal-piż fl-Anness XVIII jew ogħla minnhom, ***l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti*** tas-sajd ***li jtajru l-bandiera tagħhom*** iwaqqfu s-sajd tal-qiegħ immedjatament f'żona ta' mil nawtiku fuq kull naħa tal-mogħdija tat-tkarkir estiża b'mil nawtiku f'kull tarf.	1. Meta jinstabu unitajiet tassonomiċi indikaturi tal-VME kif ***stipulati*** fl-Anness XVI fi tkarkira waħda jew aktar fil-limiti tal-piż fl-Anness XVII jew ogħla minnhom, jew tliet unitajiet tassonomiċi indikaturi tal-VME differenti jew aktar fil-limiti tal-piż fl-Anness XVIII jew ogħla minnhom, ***il-bastimenti*** tas-sajd ***għandhom*** iwaqqfu s-sajd tal-qiegħ immedjatament f'żona ta' mil nawtiku fuq kull naħa tal-mogħdija tat-tkarkir estiża b'mil nawtiku f'kull tarf.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati Membri*** għandhom jirrapportaw is-sejbiet tal-VMEs ***lill-Kummissjoni*** abbażi tal-linji gwida stabbiliti fl-Anness IV inkluża deskrizzjoni dettaljata tas-sejba***,*** tqabbil tas-sejba mal-mudell tat-tbassir eżistenti, u azzjonijiet ta' ġestjoni ssuġġeriti biex jiġu evitati impatti negattivi sinifikanti fuq l-VMEs, sabiex jiġi vverifikat jekk huwiex probabbli li VME tkun preżenti fiż-żona tas-sejba u/jew fiż-żona tal-madwar, jekk ikunx seħħ impatt negattiv sinifikanti, u r-riskju li jseħħ impatt negattiv sinifikanti fil-futur. ***Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO*** mingħajr dewmien.	2. ***Il-bastimenti tas-sajd*** għandhom jirrapportaw is-sejbiet tal-VMEs ***lill-Istat Membru tal-bandiera*** abbażi tal-linji gwida stabbiliti fl-Anness IV inkluża deskrizzjoni dettaljata tas-sejba***. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jwettaq*** tqabbil tas-sejba mal-mudell tat-tbassir eżistenti, u azzjonijiet ta' ġestjoni ssuġġeriti biex jiġu evitati impatti negattivi sinifikanti fuq l-VMEs, sabiex jiġi vverifikat jekk huwiex probabbli li VME tkun preżenti fiż-żona tas-sejba u/jew fiż-żona tal-madwar, jekk ikunx seħħ impatt negattiv sinifikanti, u r-riskju li jseħħ impatt negattiv sinifikanti fil-futur. ***L-Istat Membru għandu jibgħat dawk ir-rapporti lill-Kummissjoni*** mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bi kwalunkwe sejba ta' VME nnotifikata minn Membri oħra tal-SPRFMO ***u*** mis-CNCPs lis-Segretarjat tal-SPRFMO.	3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bi kwalunkwe sejba ta' VME nnotifikata minn ***Stati*** Membri oħra***, Partijiet Kontraenti*** tal-SPRFMO ***jew*** mis-CNCPs lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-bastimenti*** tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom ***ma jwettqux sajd*** tal-qiegħ f'żoni li fihom tkun instabet VME nnotifikati skont il-paragrafi 2 u 3 sakemm u ***sa dak iż-żmien li l-Kummissjoni*** SPRFMO tiddetermina azzjonijiet ta' ġestjoni li jippermettu t-tkomplija ta' attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ fiż-żona.	4. L-Istati Membri għandhom ***jittrażmettu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 lill-bastimenti*** tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom ***awtorizzati li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO. Il-bastimenti tas-sajd huma pprojbiti milli jwettqu attivitajiet tas-sajd*** tal-qiegħ f'żoni li fihom tkun instabet VME nnotifikati skont il-paragrafi 2 u 3 sakemm u ***sakemm il-Kummissjoni*** SPRFMO tiddetermina azzjonijiet ta' ġestjoni li jippermettu t-tkomplija ta' attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ fiż-żona.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti tas-sajd ***li jtajru l-bandiera tagħhom*** li jwettqu sajd tal-qiegħ ***jimplimentaw*** il-livelli minimi ta' kopertura tal-osservaturi xjentifiċi stabbiliti fl-Anness XIX.	***Il-bastimenti*** tas-sajd li jwettqu sajd tal-qiegħ ***għandu jkollhom*** il-livelli minimi ta' kopertura tal-osservaturi xjentifiċi stabbiliti fl-Anness XIX.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-15-il jum ta' kull xahar, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni ***dwar*** il-qabdiet tal-ispeċijiet tas-sajd tal-qiegħ mix-xahar preċedenti f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.	1. Sal-15-il jum ta' kull xahar, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** il-qabdiet tal-ispeċijiet tas-sajd tal-qiegħ mix-xahar preċedenti f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-bastimenti*** tas-sajd ***li jtajru l-bandiera tagħhom*** milli jipparteċipaw ***f'sajd*** tal-qiegħ jekk ma tkunx ġiet ipprovduta d-data minima meħtieġa tal-identifikazzjoni tal-bastiment	2. ***Il-bastimenti*** tas-sajd ***għandhom ikunu pprojbiti*** milli jipparteċipaw ***f'attivitajiet tas-sajd*** tal-qiegħ jekk ma tkunx ġiet ipprovduta d-data minima meħtieġa tal-identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd stabbilita fl-Anness V.

tas-sajd stabbilita fl-Anness V.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri li għandhom l-intenzjoni li jawtorizzaw bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tagħhom biex jistad f'żona tas-sajd esploratorju għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni d-dokumentazzjoni ***meħtieġa stabbilita f'din id-dispożizzjoni***:	1. L-Istati Membri li għandhom l-intenzjoni li jawtorizzaw bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tagħhom biex jistad f'żona tas-sajd esploratorju għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni d-dokumentazzjoni ***li ġejja***:

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***sa*** mhux aktar tard minn 130 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, deskrizzjoni fil-qosor tal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd maħsub tagħhom għal skopijiet ta' informazzjoni, bl-użu tal-mudell għal deskrizzjoni fil-qosor tal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd[15]. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mhux aktar tard minn 120 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO.	(a) mhux aktar tard minn 130 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, deskrizzjoni fil-qosor tal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd maħsub tagħhom għal skopijiet ta' informazzjoni, bl-użu tal-mudell għal deskrizzjoni fil-qosor tal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd[15]. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mhux aktar tard minn 120 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO.
[15] Disponibbli hawnhekk: https://www.sprfmo.***int/science/***	[15] Disponibbli hawnhekk: https://www.sprfmo.***int/fisheries/conservation-and-management-measures/cmm-13-exploratory-fisheries/fisheries-operation-***

plans

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***sa*** mhux aktar tard minn 80 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, kopja tad-dokumentazzjoni li ġejja:	(b) mhux aktar tard minn 80 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, kopja tad-dokumentazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi r-rikjesta lill-Kummissjoni tal-SPRFMO, u l-Pjan Operazzjonali tas-Sajd lill-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, ***sa*** mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO.	2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi r-rikjesta lill-Kummissjoni tal-SPRFMO, u l-Pjan Operazzjonali tas-Sajd lill-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru konċernat bid-deċiżjoni	3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru konċernat bid-deċiżjoni

tal-SPRFMO rigward l-awtorizzazzjoni biex isir sajd f'żona tas-sajd esploratorju.	tal-SPRFMO rigward l-awtorizzazzjoni biex isir sajd f'żona tas-sajd esploratorju. ***L-Istat Membru għandu joħroġ l-awtorizzazzjoni lill-bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu biex isir sajd f'żona tas-sajd esploratorju f'konformità mal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd adottat.***
	Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom ikollhom l-intenzjoni li jittranżitaw iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO bl-għeżul abbord għandhom:	***1. Il-bastimenti tas-sajd li jkollhom*** l-intenzjoni li jittranżitaw iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO bl-għeżul abbord għandhom:
	Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinnotifikaw ***lis-Segretarjat tal-SPRFMO u lill-Kummissjoni*** mill-inqas 72 siegħa qabel ma l-bastiment jidħol fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO***, inklużi d-dati tad-dħul u tal-ħruġ mistennija u t-tul tal-għażel miżmum abbord***;	(a) jinnotifikaw ***lill-Istat Membru tal-bandiera*** mill-inqas 72 siegħa ***qabel, inkluż il-post mistenni, id-dati u l-ħinijiet tad-dħul u tal-ħruġ kif ukoll it-tul tal-għażel miżmum abbord. L-Istat Membru għandu jinforma mingħajr dewmien lis-Segretarjat tal-SPRFMO u lill-Kummissjoni, jew lill-korp maħtur minnha,*** qabel ma l-bastiment jidħol fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;
	Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 21 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw ***li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom joperaw VMS li tirrapporta*** mill-inqas darba kull siegħa waqt li jkunu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;	(b) jiżguraw ***VMS operazzjonali, u jirrapportaw*** mill-inqas darba kull siegħa waqt li jkunu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jissottomettu awtomatikament ir-rapporti dwar il-pożizzjoni tal-VMS liċ-ĊMS tagħhom waqt li jittranżitaw iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;	***imħassar***

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(ca) jirrapportaw id-data, il-ħin, il-pożizzjoni u t-tul (f'metri) tal-għeżul mitlufa jew abbandunati b'mod aċċidentali lill-Istat Membru tal-bandiera mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 48 siegħa minn meta l-irkaptu jkun jintilef jew ġie abbandunat; l-Istat**

Membru tal-bandiera għandu jittrażmetti l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO, lill-Kummissjoni, jew lill-korp maħtur minnha mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiżguraw li ċ-ĊMS tagħhom jibgħat awtomatikament ir-rapporti tal-VMS imsemmija fil-paragrafu (b) lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas darba kull siegħa; u	***imħassar***

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk xi għeżul aċċidentalment jintilfu jew jiġu abbandunati fil-baħar, jirrapportaw id-data, il-ħin, il-pożizzjoni u t-tul (f'metri) tal-għeżul mitlufa lis-Segretarjat tal-SPRFMO u lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 48 siegħa minn meta l-irkaptu jkun jintilef jew ġie abbandunat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom u li jittranżitaw iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO bl-għeżul abbord għandhom jiżguraw li ċ-ĊMS tagħhom jibgħat awtomatikament ir-rapporti tal-VMS imsemmija fil-paragrafu 1(b) lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas darba fis-siegħa.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7 – punt c
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ***ma għandhomx*** joperaw kemm bħala bastiment tas-sajd li jħott kif ukoll bħala bastiment tas-sajd riċevitur matul l-istess vjaġġ, ħlief fil-każ ta' avveniment ta' forza maġġuri lil hinn mill-kontroll tal-bastiment***, inklużi*** ħsara mekkanika serja jew avvenimenti oħra li jheddu s-sikurezza tal-ekwipaġġ jew li jirriżultaw f'telf finanzjarju sinifikanti minħabba t-taħsir tal-ħut. F'każijiet bħal dawn, ***l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinnotifika lis-Segretarjat tal-SPRFMO u lill-Kummissjoni bit-trażbord*** u ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-forza maġġuri fi żmien jum tax-xogħol minn meta jitlesta t-trażbord.	5. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ***għandhom ikunu pprojbiti milli*** joperaw kemm bħala bastiment tas-sajd li jħott kif ukoll bħala bastiment tas-sajd riċevitur matul l-istess vjaġġ, ħlief fil-każ ta' avveniment ta' forza maġġuri lil hinn mill-kontroll tal-bastiment***. Avveniment ta' force majeure għandu jinkludi*** ħsara mekkanika serja jew avvenimenti oħra li jheddu s-sikurezza tal-ekwipaġġ jew li jirriżultaw f'telf finanzjarju sinifikanti minħabba t-taħsir tal-ħut. F'każijiet bħal dawn, ***il-bastimenti tas-sajd għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri tal-bandiera dwar it-trażbord*** u ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-forza maġġuri fi żmien jum tax-xogħol minn meta jitlesta t-trażbord. ***L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jittrażmettu immedjatament l-***

	informazzjoni kollha li jirċievu lis-Segretarjat tal-SPRFMO u lill-Kummissjoni, jew lill-korp maħtur minnha.

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7 – punt c
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Sal-20*** ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-lista tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li stadu b'mod attiv jew li kienu involuti fit-trażbord għal speċijiet għajr is-sawrell fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fis-sena preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sat-30 ta' Jannar ta' kull sena.	6. ***Sal-15*** ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-lista tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li stadu b'mod attiv jew li kienu involuti fit-trażbord għal speċijiet għajr is-sawrell fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fis-sena preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sat-30 ta' Jannar ta' kull sena.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-każ tat-trażbord ta' riżorsi tas-sajd maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd ***tal-Unjoni*** riċeventi għandu jibgħat fl-istess ħin lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO, mill-inqas 36 siegħa qabel il-ħin stmat tal-bidu ta' tali trażbord, in-notifika antiċipata tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness VII. ***Tali notifika***	1. Fil-każ tat-trażbord ta' riżorsi tas-sajd maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd riċeventi għandu jibgħat fl-istess ħin lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** u lis-Segretarjat tal-SPRFMO, mill-inqas 36 siegħa qabel il-ħin stmat tal-bidu ta' tali trażbord, in-notifika antiċipata tat-trażbord tal-

hija meħtieġa irrispettivament minn fejn ikun seħħ it-trażbord.

SPRFMO f'konformità mal-Anness VII.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk it-trażbord imsemmi fil-paragrafu 1 ma jibdiex fi żmien 72 siegħa mill-ħin tal-bidu stmat tat-trażbord notifikat jew f'50 mil nawtiku mill-post stmat notifikat fin-notifika antiċipata tat-trażbord, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd ***tal-Unjoni*** riċeventi għandu jinnotifika fl-istess ħin lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO bl-informazzjoni modifikata dwar in-notifika avvanzata tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness VII mill-aktar fis possibbli.	2. Jekk it-trażbord imsemmi fil-paragrafu 1 ma jibdiex fi żmien 72 siegħa mill-ħin tal-bidu stmat tat-trażbord notifikat jew f'50 mil nawtiku mill-post stmat notifikat fin-notifika antiċipata tat-trażbord, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd riċeventi għandu jinnotifika fl-istess ħin lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** u lis-Segretarjat tal-SPRFMO bl-informazzjoni modifikata dwar in-notifika avvanzata tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness VII mill-aktar fis possibbli***, u mhux aktar tard minn 24 siegħa mill-ħin reali tal-bidu tat-trażbord***.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk ma jseħħx trażbord notifikat, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd ***tal-Unjoni*** riċeventi għandu fl-istess ħin jinnotifika lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol wara l-ħin notifikat tat-	3. Jekk ma jseħħx trażbord notifikat, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd riċeventi għandu fl-istess ħin jinnotifika lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** u lis-Segretarjat tal-SPRFMO malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol

trażbord.	wara l-ħin notifikat tat-trażbord.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 24a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċeventi jkun involut f'aktar minn trażbord wieħed, ***l-Istat Membru tal-bandiera*** għandu ***jitolbu*** jaħżen il-qabda minn kull trażbord separatament sabiex tkun faċilment identifikabbli. Il-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċevitur għandu jkollu pjan ta' stivar disponibbli abbord li jipprevedi din is-separazzjoni tal-qabda minn bastimenti tas-sajd differenti li jħottu.	Jekk bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċeventi jkun involut f'aktar minn trażbord wieħed, għandu jaħżen il-qabda minn kull trażbord separatament sabiex tkun faċilment identifikabbli. Il-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċevitur għandu jkollu pjan ta' stivar disponibbli abbord li jipprevedi din is-separazzjoni tal-qabda minn bastimenti tas-sajd differenti li jħottu.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 25 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru li l-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċevitur itajjar il-bandiera tiegħu għandu jippreżenta d-data tal-folja tal-ġurnal ta' abbord tal-osservatur tat-trażbord tal-SPRFMO lill-Kummissjoni b'mod elettroniku sa mhux aktar tard minn 25 jum mill-iżbark tal-osservatur. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO b'mod elettroniku mhux aktar tard minn 30 jum mill-iżbark tal-osservatur.	6. L-Istat Membru li l-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċevitur itajjar il-bandiera tiegħu għandu jippreżenta d-data tal-folja tal-ġurnal ta' abbord tal-osservatur tat-trażbord tal-SPRFMO lill-Kummissjoni***,*** ***jew lill-korp maħtur minnha,*** b'mod elettroniku sa mhux aktar tard minn 25 jum mill-iżbark tal-osservatur. Il-Kummissjoni***,*** ***jew il-korp maħtur minnha,*** għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO b'mod elettroniku mhux aktar tard minn 30 jum mill-iżbark tal-osservatur.”

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti*** tas-sajd riċeventi ***li jtajru l-bandiera tagħhom*** li jkunu involuti fit-trażbord***,*** iħejju dikjarazzjoni tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness IX u għandhom jippreżentaw id-dikjarazzjoni lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-10 jum tax-xahar wara dak li fih ikun tlesta t-trażbord. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sa mhux aktar tard mill-15-il jum tax-xahar wara dak li fih ikun tlesta t-trażbord.	1. ***Il-bastimenti*** tas-sajd riċeventi li jkunu involuti fit-trażbord ***għandhom*** iħejju dikjarazzjoni tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness IX u għandhom jippreżentaw id-dikjarazzjoni ***lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom mhux aktar tard mill-5 tax-xahar ta' wara dak li fih jitlesta t-trażbord. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jippreżenta d-dikjarazzjoni*** lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** sa mhux aktar tard mill-10 jum tax-xahar wara dak li fih ikun tlesta t-trażbord. Il-Kummissjoni***, jew il-korp maħtur minnha,*** għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sa mhux aktar tard mill-15-il jum tax-xahar wara dak li fih ikun tlesta t-trażbord.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti*** tas-sajd riċeventi ***li jtajru l-bandiera tagħhom*** li jkunu involuti fit-trażbord***,*** iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-SPRFMO fuq il-bastiment għad-durata tal-vjaġġ tas-sajd u jipprovduha kif meħtieġ lil kwalunkwe	2. ***Il-bastimenti*** tas-sajd riċeventi li jkunu involuti fit-trażbord ***għandhom*** iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-SPRFMO fuq il-bastiment għad-durata tal-vjaġġ tas-sajd u jipprovduha kif meħtieġ lil kwalunkwe spettur awtorizzat.

spettur awtorizzat.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri li beħsiebhom jużaw osservaturi mill-programm ta' osservazzjoni ta' Stat Membru ieħor, ta' ***Membru*** tal-SPRFMO jew ta' CNCP għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel jiġu skjerati. ***Il-Kummissjoni għandha tfittex*** il-kunsens tal-Istat Membru rispettiv, ***tal-Membru*** tal-SPRFMO jew tas-CNCP ***u mbagħad tinforma lill-Istat Membru rilevanti***.	6. L-Istati Membri li beħsiebhom jużaw osservaturi mill-programm ta' osservazzjoni ta' Stat Membru ieħor, ta' ***Parti Kontraenti*** tal-SPRFMO jew ta' CNCP għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel jiġu skjerati. ***L-Istat Membru għandu jfittex*** il-kunsens tal-Istat Membru rispettiv, ***tal-Parti Kontraenti*** tal-SPRFMO jew tas-CNCP ***qabel ma jinforma lill-Kummissjoni***.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-bastimenti tal-Unjoni li jwettqu riċerka xjentifika u li jistadu għal skopijiet ta' riċerka għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jkollhom abbord osservaturi akkreditati, ħlief jekk ikunu involuti f'sajd esploratorju. L-Istati Membri tal-bandiera ta' ***dawk il-bastimenti*** għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ġbir tad-data u tar-rapportar tal-Anness X u tal-Artikolu 28a u għandhom jiżguraw li l-persunal xjentifiku abbord ikollu l-kapaċità li jwettaq bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet kollha ta' osservazzjoni u rapportar li	7. Il-bastimenti tal-Unjoni li jwettqu riċerka xjentifika u li jistadu għal skopijiet ta' riċerka għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jkollhom abbord osservaturi akkreditati, ħlief jekk ikunu involuti f'sajd esploratorju. L-Istati Membri tal-bandiera ta' ***bastimenti ta' riċerka xjentifika li jistadu għal skopijiet ta' riċerka, u li mhumiex involuti f'sajd esploratorju,*** għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ġbir tad-data u tar-rapportar tal-Anness X u tal-Artikolu 28a u għandhom jiżguraw li l-persunal xjentifiku abbord ikollu l-kapaċità li jwettaq bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet

jinsabu f'dawk ir-rekwiżiti.	kollha ta' osservazzjoni u rapportar li jinsabu f'dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' osservazzjoni u l-forniturі tas-servizzi tagħhom jużaw biss osservaturi indipendenti u imparzjali. Dan ifisser li la l-programm ta' osservazzjoni jew il-fornitur tas-servizz, skont il-każ, u lanqas l-osservaturi individwali, ma jkollhom interess finanzjarju dirett, sjieda jew rabtiet kummerċjali ma' bastimenti, proċessuri, aġenti u bejjiegħa bl-imnut involuti fil-qbid, it-teħid, il-ħsad, it-trasport, l-ipproċessar jew il-bejgħ ta' ħut jew prodotti tal-ħut.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' osservazzjoni u l-forniturі tas-servizzi tagħhom jużaw biss osservaturi indipendenti u imparzjali. Dan ifisser li la l-programm ta' osservazzjoni jew il-fornitur tas-servizz, skont il-każ, u lanqas l-osservaturi individwali, ma jkollhom interess finanzjarju dirett, sjieda jew rabtiet kummerċjali ma' bastimenti, proċessuri, aġenti u bejjiegħa bl-imnut involuti fil-qbid, it-teħid, il-ħsad, it-trasport, l-ipproċessar jew il-bejgħ ta' ħut jew prodotti tal-ħut ***koperti mill-Konvenzjoni tal-SPRFMO***.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28c – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' osservazzjoni u l-forniturі tas-servizzi tagħhom, u l-osservaturi individwali ma ***għandhomx***:	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' osservazzjoni u l-forniturі tas-servizzi tagħhom, u l-osservaturi individwali ma:

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28c – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jissolleċitaw jew jaċċettaw, direttament jew indirettament, kwalunkwe gratwità, rigal, favur, divertiment, akkomodazzjoni mhux ordinata, self jew kwalunkwe ħaġa ta' valur monetarju minn kwalunkwe persuna li twettaq attivitajiet li huma regolati minn ***Membru*** tal-SPRFMO jew minn CNCP marbuta mas-servizzi tagħha jew mal-SPRFMO, jew li għandha interessi li jistgħu jiġu affettwati b'mod sostanzjali mit-twettiq jew min-nuqqas ta' twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tal-osservatur;	(b) jissolleċitaw jew jaċċettaw, direttament jew indirettament, kwalunkwe gratwità, rigal, favur, divertiment, akkomodazzjoni mhux ordinata, self jew kwalunkwe ħaġa ta' valur monetarju minn kwalunkwe persuna li twettaq attivitajiet li huma regolati minn ***Parti Kontraenti*** tal-SPRFMO jew minn CNCP marbuta mas-servizzi tagħha jew mal-SPRFMO, jew li għandha interessi li jistgħu jiġu affettwati b'mod sostanzjali mit-twettiq jew min-nuqqas ta' twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tal-osservatur;

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28d – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-osservaturi li jiġu reklutati fil-programm ta' osservazzjoni tagħhom jew skjerati mill-fornituri tas-servizzi tagħhom ***jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:***	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-osservaturi li jiġu reklutati fil-programm ta' osservazzjoni tagħhom jew skjerati mill-fornituri tas-servizzi tagħhom ***għandhom:***

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28d – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***kapaċità*** li jissodisfaw id-dmirijiet tal-osservatur deskritti f'din it-Taqsima;	(b) ***il-kapaċità*** li jissodisfaw id-dmirijiet tal-osservatur deskritti f'din it-Taqsima;

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28e – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet u r-reġistrazzjoni tal-ispeċijiet li jinstabu fil-baħar, inklużi l-ispeċijiet fil-mira u mhux fil-mira, l-ispeċijiet protetti, l-għasafar tal-baħar, il-mammiferi tal-baħar, il-fkieren tal-baħar, l-invertebrati li jindikaw ***ekosistemi tal-baħar vulnerabbli***, eċċ.;	(f) l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet u r-reġistrazzjoni tal-ispeċijiet li jinstabu fil-baħar, inklużi l-ispeċijiet fil-mira u mhux fil-mira, l-ispeċijiet protetti, l-għasafar tal-baħar, il-mammiferi tal-baħar, il-fkieren tal-baħar, l-invertebrati li jindikaw ***il-preżenza ta' VMEs***, eċċ.;

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28j – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-programmi ta' osservazzjoni jew il-forniturи tas-servizzi tagħhom ifittxu, sa fejn ikun possibbli, li jevitaw li jiskjeraw osservatur wieħed fuq diversi vjaġġi konsekuttivi fuq l-istess bastiment.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-programmi ta' osservazzjoni jew il-forniturи tas-servizzi tagħhom ifittxu, sa fejn ikun possibbli, li jevitaw li jiskjeraw osservatur wieħed fuq diversi vjaġġi konsekuttivi fuq l-istess bastiment.

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28m – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' osservazzjoni jew il-fornituri tas-servizzi tagħhom ikollhom fis-seħħ proċess ġust għall-partijiet kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim li jipprovdi proċess biex jissolvew kwistjonijiet permezz ta' mezzi xierqa inklużi l-faċilitazzjoni u l-medjazzjoni.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' osservazzjoni jew il-fornituri tas-servizzi tagħhom ikollhom fis-seħħ proċess ***indipendenti*** ġust għall-partijiet kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim li jipprovdi proċess biex jissolvew kwistjonijiet permezz ta' mezzi xierqa inklużi l-faċilitazzjoni u l-medjazzjoni.

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28n – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' osservazzjoni jew il-fornituri tas-servizzi tagħhom ikollhom fis-seħħ proċeduri biex jappoġġaw lill-osservaturi fil-kapaċità tagħhom li jwettqu dmirijiethom mingħajr xkiel u f'ambjent tax-xogħol sikur, inkluż Pjan ta' Azzjoni ta' Emerġenza (EAP, Emergency Action Plan) stabbilit. L-EAP ***irid*** jipprovdi struzzjonijiet dwar kif jintbagħtu rapporti lill-punt(i) ta' kuntatt ta' 24 siegħa maħtur(a) tal-fornitur biex jiġu rrapportati kundizzjonijiet mhux sikuri, inklużi każijiet ta' fastidju, intimidazzjoni, jew attakk.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' osservazzjoni jew il-fornituri tas-servizzi tagħhom ikollhom fis-seħħ proċeduri biex jappoġġaw lill-osservaturi fil-kapaċità tagħhom li jwettqu dmirijiethom mingħajr xkiel u f'ambjent tax-xogħol sikur, inkluż Pjan ta' Azzjoni ta' Emerġenza (EAP, Emergency Action Plan) stabbilit. L-EAP ***għandu*** jipprovdi struzzjonijiet dwar kif jintbagħtu rapporti lill-punt(i) ta' kuntatt ta' 24 siegħa maħtur(a) tal-fornitur biex jiġu rrapportati kundizzjonijiet mhux sikuri, inklużi każijiet ta' fastidju, intimidazzjoni, jew attakk.

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28p – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-osservaturi abbord bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom igawdu d-drittijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni u li kopja ta' dawk id-drittijiet tiġi pprovduta lill-ekwipaġġ ta' tali bastimenti ***jew*** tintwera b'mod prominenti abbord.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-osservaturi abbord bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom igawdu d-drittijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni u li kopja ta' dawk id-drittijiet tiġi pprovduta lill-ekwipaġġ ta' tali bastimenti ***u*** tintwera b'mod prominenti abbord.

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28p – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-użu raġonevoli tat-tagħmir tal-komunikazzjoni abbord biex jikkomunikaw mal-programm ta' osservazzjoni fuq l-art fi kwalunkwe ħin, inklużi ***emerġenzi***;	(e) l-użu raġonevoli tat-tagħmir tal-komunikazzjoni abbord biex jikkomunikaw mal-programm ta' osservazzjoni fuq l-art fi kwalunkwe ħin, inklużi ***f'emerġenzi***;

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28p – paragrafu 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) il-kapaċità li jikkomunikaw fi kwalunkwe ħin l-okkorrenza ta' kwistjonijiet ta' sikurezza lill-kaptan tal-bastiment, lill-awtoritajiet tal-programm ta' osservazzjoni jew lill-fornitur tas-servizz,	(m) il-kapaċità li jikkomunikaw fi kwalunkwe ħin l-okkorrenza ta' kwistjonijiet ta' sikurezza lill-kaptan tal-bastiment, lill-awtoritajiet tal-programm ta' osservazzjoni jew lill-fornitur tas-servizz,

lis-Segretarjat, u lill-Istat tal-bandiera, kif xieraq;	lis-Segretarjat ***tal-SPRFMO***, u lill-Istat ***Membru*** tal-bandiera, kif xieraq;

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-osservaturi skjerati mill-programmi ta' osservazzjoni jew mill-forniturи tas-servizzi tagħhom ***abbord il-bastimenti tas-sajd iwettqu d-dmirijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni.***	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li***, qabel it-tluġħ abbord bastiment tas-sajd,*** l-osservaturi skjerati mill-programmi ta' osservazzjoni jew mill-forniturи tas-servizzi tagħhom***:***
	(a) ikollhom dokumenti kompluti u validi, inklużi, meta jkun rilevanti, dokumenti tal-identifikazzjoni, passaporti, viżi, u ċertifikati ta' taħriġ dwar is-sigurtà fuq il-baħar;
	(b) jissottomettu kopji tad-dokumenti msemmija fil-punt (a) lill-maniġers tal-programm ta' osservazzjoni jew lill-fornitur tas-servizz, kif ikun meħtieġ.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-osservaturi abbord il-bastimenti tas-sajd ***għandhom iwettqu d-dmirijiet li ġejjin***:	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li*** l-osservaturi ***skjerati mill-programmi ta' osservazzjoni jew mill-forniturи tas-servizzi tagħhom*** abbord il-bastimenti tas-sajd:

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikollhom dokumenti kompluti u validi qabel it-tlugħ abbord il-bastiment, inklużi, fejn rilevanti, dokumenti tal-identifikazzjoni, passaport, viżi, u ċertifikati ta' taħriġ dwar is-sigurtà fuq il-baħar;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxa għall-paragrafu 1(a)

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jissottomettu kopji tad-dokumenti indikati hawn fuq lill-maniġers tal-programm ta' osservazzjoni jew lill-fornitur tas-servizz, kif meħtieġ;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxa għall-paragrafu 1(b).

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) iżommu l-indipendenza u l-imparzjalità f'kull ħin waqt ix-xogħol;	(c) iżommu l-indipendenza u l-imparzjalità f'kull ħin waqt ix-xogħol;

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Membru li l-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu;	(d) jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Membru li l-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu;

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jirrispettaw il-ġerarkija u r-regoli ġenerali tal-imġiba li japplikaw għall-persunal tal-bastiment;	(e) jirrispettaw il-ġerarkija u r-regoli ġenerali tal-imġiba li japplikaw għall-persunal tal-bastiment;

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) iwettqu d-dmirijiet b'mod li ma jfixkilx bla bżonn l-operazzjonijiet tal-	(f) iwettqu d-dmirijiet b'mod li ma jfixkilx bla bżonn l-operazzjonijiet tal-

bastiment u, filwaqt li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, iqisu kif xieraq ir-rekwiżiti operazzjonali tal-bastiment u jikkomunikaw regolarment mal-kaptan tal-bastiment;	bastiment u, filwaqt li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, iqisu kif xieraq ir-rekwiżiti operazzjonali tal-bastiment u jikkomunikaw regolarment mal-kaptan tal-bastiment;
	Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ikunu familjari mal-proċeduri ta' emerġenza abbord il-bastiment, inklużi l-postijiet taċ-ċattri tas-salvataġġ, taċ-ċilindri tat-tifi tan-nar, u tal-kaxxi għall-ewwel għajnuna, u jipparteċipaw regolarment fi provi ta' emerġenza li għalihom l-osservatur ikun irċieva taħriġ;	(g) ikunu familjari mal-proċeduri ta' emerġenza abbord il-bastiment, inklużi l-postijiet taċ-ċattri tas-salvataġġ, taċ-ċilindri tat-tifi tan-nar, u tal-kaxxi għall-ewwel għajnuna, u jipparteċipaw regolarment fi provi ta' emerġenza li għalihom l-osservatur ikun irċieva taħriġ;
	Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) jikkomunikaw b'mod regolari mal-kaptan tal-bastiment dwar kwistjonijiet u dmirijiet rilevanti tal-osservaturi;	(h) jikkomunikaw b'mod regolari mal-kaptan tal-bastiment dwar kwistjonijiet u dmirijiet rilevanti tal-osservaturi;
	Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) joqogħdu lura minn azzjonijiet li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-immaġni tal-programm ta' osservazzjoni;	(i) joqogħdu lura minn azzjonijiet li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-immaġni tal-programm ta' osservazzjoni ***jew tal-fornitur tas-servizz***;

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) jaderixxu ma' kwalunkwe kodiċi ta' kondotta meħtieġa għall-osservaturi, inklużi kwalunkwe liġi u proċedura applikabbli;	(j) jaderixxu ma' kwalunkwe kodiċi ta' kondotta meħtieġa għall-osservaturi, inklużi kwalunkwe liġi u proċedura applikabbli;

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) jikkomunikaw regolarment kif meħtieġ mal-maniġers tal-programm jew mal-koordinatur tal-programm ta' osservazzjoni fuq l-art;	(k) jikkomunikaw regolarment kif meħtieġ mal-maniġers tal-programm jew mal-koordinatur tal-programm ta' osservazzjoni fuq l-art;

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) jikkonformaw ma' kwalunkwe CMM tal-SPRFMO li d-dispożizzjonijiet tiegħu japplikaw direttament għall-osservaturi;	(l) jikkonformaw ma' kwalunkwe CMM tal-SPRFMO li d-dispożizzjonijiet tiegħu japplikaw direttament għall-osservaturi;

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28q – paragrafu 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) jirrispettaw il-privatezza fiż-żoni tal-kaptan u tal-ekwipaġġ.	(m) jirrispettaw il-privatezza fiż-żoni tal-kaptan u tal-ekwipaġġ.

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Taqsima 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-drittijiet u d-dmirijiet tal-operaturi u tal-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni	Id-drittijiet u d-dmirijiet tal-operaturi u tal-kaptani tal-bastimenti ***tas-sajd*** tal-Unjoni

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28s – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ***tas-sajd*** u l-kaptani tal-bastimenti	L-operaturi ***tal-bastimenti*** u l-kaptani tal-bastimenti tas-sajd ***għandhom*** jirrispettaw

tas-sajd ***li jtajru l-bandiera tagħhom*** jirrispettaw id-drittijiet tal-osservaturi stabbiliti fl-Artikolu 28p u ***jwettqu d-dmirijiet li ġejjin***:

id-drittijiet tal-osservaturi stabbiliti fl-Artikolu 28p u:

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28s – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jekk meħtieġ minn dan ir-Regolament jew CMM tal-SPRFMO***, bħala għodda ta' monitoraġġ komplementari, ***jinstallaw u jżommu*** sistemi jew apparati ta' monitoraġġ elettroniku li jiffunzjonaw matul il-vjaġġi tas-sajd magħżula;	(c) ***jinstallaw u jżommu***, bħala għodda ta' monitoraġġ komplementari, sistemi jew apparati ta' monitoraġġ elettroniku li jiffunzjonaw matul il-vjaġġi tas-sajd magħżula;

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28s – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżguraw li l-bastimenti li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO jinkludu spazju adegwat għall-osservatur biex iwettaq kampjunar ta' qabdiet aċċessorji jew kampjunar ieħor kif meħtieġ, b'mod sikur li jillimita t-tfixkil tal-operazzjonijiet tal-bastimenti, bi stazzjon tal-kampjuni ddedikat u tagħmir ieħor bħal imwieżen;	(e) jiżguraw li l-bastimenti li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO jinkludu ***u jipprovdu*** spazju adegwat ***fuq il-gverta jew fiż-żona tal-ipproċessar*** għall-osservatur biex iwettaq kampjunar ta' qabdiet aċċessorji jew kampjunar ieħor kif meħtieġ ***kif ukoll dmirijiet oħra tal-osservatur***, b'mod sikur li jillimita t-tfixkil tal-operazzjonijiet tal-bastimenti, bi stazzjon tal-kampjuni ddedikat u tagħmir ieħor bħal imwieżen;

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28s – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) jinfurmaw lill-ekwipaġġ dwar il-ħin u l-objettivi tal-programm ta' osservazzjoni u l-iskeda għat-tlugħ abbord tal-osservatur, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tiegħu meta osservatur ***mill-programm ta' osservazzjoni*** jitla' abbord il-bastiment;	(h) jinfurmaw lill-ekwipaġġ dwar il-ħin u l-objettivi tal-programm ta' osservazzjoni u l-iskeda għat-tlugħ abbord tal-osservatur, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tiegħu meta osservatur jitla' abbord il-bastiment;

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28s – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) jippermettu u jassistu l-aċċess sħiħ għall-faċilitajiet u t-tagħmir kollha tal-bastiment u l-użu tagħhom li huwa meħtieġ biex l-osservatur iwettaq dmirijietu, inklużi iżda mhux limitati għall-aċċess sħiħ għall-pont, ***għall-qabda qabel ma tiġi sseparata,*** għall-qabda pproċessata u għal kwalunkwe qabda aċċessorja abbord, kif ukoll għaż-żoni li jistgħu jintużaw għaż-żamma, għall-ipproċessar, għall-użin u għall-ħżin tal-ħut;	(m) jippermettu u jassistu l-aċċess sħiħ għall-faċilitajiet u t-tagħmir kollha tal-bastiment u l-użu tagħhom li huwa meħtieġ biex l-osservatur iwettaq dmirijietu, inklużi iżda mhux limitati għall-aċċess sħiħ għall-pont, għall-qabda pproċessata u għal kwalunkwe qabda aċċessorja abbord, kif ukoll għaż-żoni li jistgħu jintużaw għaż-żamma, għall-ipproċessar, għall-użin u għall-ħżin tal-ħut;

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28s – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) jipprovdu spazju adegwat lill-osservatur fil-pont jew f'żona oħra dežinjata għax-xogħol klerikali, kif ukoll spazju adegwat fuq il-gverta jew fil-fabbrika biex iwettaq id-dmirijiet tal-osservatur;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ripetizzjoni tas-subparagrafu (e)

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28t – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) postijiet sikuri għax-xogħol fuq il-gverta u t-tagħmir ta' sikurezza meħtieġ;	(l) postijiet sikuri għax-xogħol fuq il-gverta ***jew fiż-żona tal-ipproċessar*** u t-tagħmir ta' sikurezza meħtieġ;

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk osservatur imut, ikun nieqes jew preżunt li waqa' fil-baħar, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom għandhom:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk osservatur imut, ikun nieqes jew preżunt li waqa' fil-baħar, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom għandhom:

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28u – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jibdew minnufih it-tfittxija u s-salvataġġ jekk l-osservatur ikun nieqes jew preżunt li waqa' fil-baħar, u jfittxu għal mill-inqas 72 siegħa, sakemm l-osservatur ma jinstabx qabel, jew sakemm ma jingħatawx struzzjonijiet mill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom biex ikomplu jfittxu;	(b) jibdew minnufih it-tfittxija u s-salvataġġ jekk l-osservatur ikun nieqes jew preżunt li waqa' fil-baħar, u jfittxu għal mill-inqas 72 siegħa, sakemm l-osservatur ma jinstabx qabel, jew sakemm ma jingħatawx struzzjonijiet mill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom ***jew mill-awtoritajiet kompetenti tat-tiftix u s-salvataġġ*** biex ikomplu jfittxu;

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28u – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jinnotifikaw minnufih lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom;	(c) jinnotifikaw minnufih lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom ***u lill-awtoritajiet kompetenti tat-tiftix u s-salvataġġ***;

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28u – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) irrispettivament mir-riżultati tat-tiftix, jirritornaw għal aktar investigazzjoni fl-eqreb port, kif miftiehem mill-Istat	(g) irrispettivament mir-riżultati tat-tiftix, jirritornaw għal aktar investigazzjoni fl-eqreb port, kif ***determinat mill-***

Membru tal-bandiera u ***l-Membru*** tal-SPRFMO jew is-CNCP, il-programm ta' osservazzjoni tal-Istat Membru jew il-fornitur tas-servizz li taħt il-programm ta' osservazzjoni tiegħu jiġi skjerat l-osservatur;	***awtoritajiet kompetenti, jew kif*** miftiehem mill-Istat Membru tal-bandiera u ***l-Parti Kontraenti*** tal-SPRFMO jew is-CNCP, il-programm ta' osservazzjoni tal-Istat Membru jew il-fornitur tas-servizz li taħt il-programm ta' osservazzjoni tiegħu jiġi skjerat l-osservatur;

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28u – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) jipprovdu rapport dwar l-inċident lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom, li għandu jgħaddih lill-Kummissjoni, lill-forniturі tas-servizzi u lill-awtoritajiet ***xierqa*** skont l-inċident; u	(h) jipprovdu rapport dwar l-inċident lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom, li għandu jgħaddih lill-Kummissjoni, lill-forniturі tas-servizzi u lill-awtoritajiet ***kompetenti*** skont l-inċident; u

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port għandhom jibagħtu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni u l-evidenza miġbura matul l-ispezzjoni lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mit-tlestija tal-ispezzjoni, u, sa fejn ikun prattikabbli, jiżguraw is-salvagwardja tal-evidenza. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport tal-ispezzjoni u kwalunkwe evidenza lis-Segretarjat tal-SPRFMO u lill-Parti Kontraenti ***tal-bandiera*** jew punt ta' kuntatt tas-CNCP mingħajr dewmien.	2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port għandhom jibagħtu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni u l-evidenza miġbura matul l-ispezzjoni lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mit-tlestija tal-ispezzjoni, u, sa fejn ikun prattikabbli, jiżguraw is-salvagwardja tal-evidenza. Il-Kummissjoni***, jew il-korp maħtur minnha,*** għandha tibgħat ir-rapport tal-ispezzjoni u kwalunkwe evidenza lis-Segretarjat tal-SPRFMO u ***lill-***

Istat Membru tal-bandiera jew lill-Parti Kontraenti ***tal-SPRFMO*** jew punt ta' kuntatt tas-CNCP mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-Kummissjoni SPRFMO li d-dispożizzjonijiet dwar it-tlugħ abbord u l-ispezzjoni fl-ibħra internazzjonali tal-SPRFMO għandhom japplikaw fl-intier tagħhom, mutatis mutandis, bħal bejn l-Unjoni u entità tas-sajd.	2. Il-Kummissjoni***, jew il-korp maħtur minnha,*** tista' tinnotifika lill-Kummissjoni SPRFMO li d-dispożizzjonijiet dwar it-tlugħ abbord u l-ispezzjoni fl-ibħra internazzjonali tal-SPRFMO għandhom japplikaw fl-intier tagħhom, mutatis mutandis, bħal bejn l-Unjoni u entità tas-sajd.

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri tal-bastimenti ta' spezzjoni awtorizzati u lill-awtoritajiet tal-bastimenti ta' spezzjoni inklużi fir-reġistru tal-SPRFMO dwar bastimenti ta' spezzjoni awtorizzati u awtoritajiet tal-bastimenti ta' spezzjoni, u kwalunkwe aġġornament tagħhom.	3. Il-Kummissjoni***, jew il-korp maħtur minnha,*** għandha tinnotifika lill-Istati Membri tal-bastimenti ta' spezzjoni awtorizzati u lill-awtoritajiet tal-bastimenti ta' spezzjoni inklużi fir-reġistru tal-SPRFMO dwar bastimenti ta' spezzjoni awtorizzati u awtoritajiet tal-bastimenti ta' spezzjoni, u kwalunkwe aġġornament tagħhom.

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jidderieġi lill-kaptan biex jaċċetta t-tlugħ abbord u l-ispezzjoni ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-miżuri, il-proċeduri u l-prattiki internazzjonali rilevanti relatati mas-sikurezza fuq il-baħar jagħmluha neċessarja li jiddewmu t-tlugħ abbord u l-ispezzjoni. Jekk il-kaptan ma jikkonformax ma' din id-direzzjoni, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jissospendi l-awtorizzazzjoni tal-bastiment biex jistad u għandu jordna li l-bastiment jerġa' lura immedjatament fil-port.	3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jidderieġi lill-kaptan biex jaċċetta t-tlugħ abbord u l-ispezzjoni ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-miżuri, il-proċeduri u l-prattiki internazzjonali rilevanti relatati mas-sikurezza fuq il-baħar jagħmluha neċessarja li jiddewmu t-tlugħ abbord u l-ispezzjoni. Jekk il-kaptan ma jikkonformax ma' din id-direzzjoni, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jissospendi l-awtorizzazzjoni tal-bastiment biex jistad u għandu jordna li l-bastiment jerġa' lura immedjatament fil-port ***indikat mill-bastimenti ta' spezzjoni awtorizzati jew mill-awtoritajiet tal-bastimenti ta' spezzjoni, jew l-eqreb port, jew port indikat mill-Istat Membru tal-bandiera***.

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35b – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni bl-azzjoni li jkun ħa fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-awtoritajiet tal-bastiment ta' spezzjoni u lill-Kummissjoni SPRFMO mingħajr dewmien.	4. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** bl-azzjoni li jkun ħa fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 3. Il-Kummissjoni***, jew il-korp maħtur minnha,*** għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-awtoritajiet tal-bastiment ta' spezzjoni u lill-Kummissjoni SPRFMO mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35c – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ksur serju għandu jinkludi l-ksur li ġej ta' dan ir-Regolament**,** tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO ***jew tas-CMMs tal-SPRFMO***:	1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ksur serju għandu jinkludi l-ksur li ġej ta' dan ir-Regolament ***jew*** tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO:

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35c – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-teħid jew iż-żamma intenzjonali ta' speċijiet bi ksur ta' dan ir-Regolament**,** tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO ***jew ta' kwalunkwe CMM applikabbli tal-SPRFMO***;	(e) it-teħid jew iż-żamma intenzjonali ta' speċijiet bi ksur ta' dan ir-Regolament ***jew*** tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35c – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) diversi ksur li meħudin flimkien jikkostitwixxu ksur serju ta' dan ir-Regolament**,** tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO	(j) diversi ksur li meħudin flimkien jikkostitwixxu ksur serju ta' dan ir-Regolament ***jew*** tal-Konvenzjoni tal-

jew ta' kwalunkwe CMM tal-SPRFMO fis-seħħ;	SPRFMO;

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35c – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) attakki, reżistenza, intimidazzjoni, fastidju sesswali, tfixkil, jew ostakolazzjoni jew dewmien b'mod mhux xieraq fil-konfront ta' spettur awtorizzat; u	(l) attakki, reżistenza, intimidazzjoni, fastidju sesswali, tfixkil, jew ostakolazzjoni jew dewmien b'mod mhux xieraq fil-konfront ta' spettur ***jew osservatur*** awtorizzat; u

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35c – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinvestiga u, jekk l-evidenza tiġġustifika, jieħu azzjoni ta' infurzar kontra l-bastiment inkwistjoni u jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan, li għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-bastiment ta' spezzjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO; jew	(a) jinvestiga u, jekk l-evidenza tiġġustifika, jieħu azzjoni ta' infurzar kontra l-bastiment inkwistjoni u jinnotifika lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** b'dan, li għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-bastiment ta' spezzjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO; jew

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35c – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jawtorizza lill-awtoritajiet tal-bastiment ta' spezzjoni jwettqu l-investigazzjoni tal-allegat ksur serju u jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan, li għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-SPRFMO.	(b) jawtorizza lill-awtoritajiet tal-bastiment ta' spezzjoni jwettqu l-investigazzjoni tal-allegat ksur serju u jinnotifikaw lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** b'dan, li għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,*** l-Istati Membri tal-bandiera għandhom iqisu kwalunkwe tfixkil fit-twettiq tad-dmirijiet ta' spettur awtorizzat jew bastiment ta' spezzjoni awtorizzat minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, jew il-kaptani u l-ekwipaġġ ta' tali bastimenti, bl-istess mod li jqisu kwalunkwe tfixkil bħal dan li jseħħ fil-ġuriżdizzjoni esklużiva tagħhom.	3. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom iqisu kwalunkwe tfixkil fit-twettiq tad-dmirijiet ta' ***osservatur,*** spettur awtorizzat jew bastiment ta' spezzjoni awtorizzat minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, jew il-kaptani u l-ekwipaġġ ta' tali bastimenti, bl-istess mod li jqisu kwalunkwe tfixkil bħal dan li jseħħ fil-ġuriżdizzjoni esklużiva tagħhom.

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-bastimenti*** tas-sajd ***li jtajru l-bandiera tagħhom*** milli jarmu fil-baħar il-plastik kollu, inkluż iżda mhux limitat għal ħbula sintetiċi, xbieki tas-sajd sintetiċi, boroż tal-iskart tal-plastik u rmied	1. ***Il-bastimenti*** tas-sajd ***għandhom ikunu pprojbiti*** milli jarmu fil-baħar il-plastik kollu, inkluż iżda mhux limitat għal ħbula sintetiċi, xbieki tas-sajd sintetiċi, boroż tal-iskart tal-plastik u rmied tal-

tal-inċineraturi minn prodotti tal-plastik.	inċineraturi minn prodotti tal-plastik.

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti*** tas-sajd ***li jtajru l-bandiera tagħhom*** jaħżnu l-plastik kollu abbord il-bastiment sakemm ikun jista' jiġi skarikat f'faċilitajiet portwarji adegwati ta' lqugħ**.**	2. ***Il-bastimenti*** tas-sajd ***għandhom*** jaħżnu l-plastik kollu abbord il-bastiment sakemm ikun jista' jiġi skarikat f'faċilitajiet portwarji adegwati ta' lqugħ

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35e – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati Membri*** għandhom jiżguraw li:	1. ***Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd*** għandhom jiżguraw li:

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35e – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li joperaw bi kwalunkwe rkaptu tas-sajd abbord jagħmlu*** l-isforzi raġonevoli kollha biex jiġġieldu,	(a) ***isiru*** l-isforzi raġonevoli kollha biex jiġġieldu, jimminimizzaw u jeliminaw irkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor marbut ma' dawk il-

jimminimizzaw u jeliminaw irkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor marbut ma' dawk il-bastimenti;

bastimenti;

Or. en

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35e – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***il-bastimenti*** tas-sajd ***li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu pprojbiti milli jiskartaw jew jabbandunaw*** deliberatament ***l-irkaptu tas-sajd marbut ma' dawk il-bastimenti***, ħlief għal raġunijiet ta' sikurezza, b'mod partikolari ***bastimenti f'diffikultà u/jew*** b'ħajja fil-periklu;	(b) ***l-irkaptu*** tas-sajd ***ma jintremiex jew jiġi abbandunat*** deliberatament, ħlief għal raġunijiet ta' sikurezza, b'mod partikolari ***f'sitwazzjoni ta' diffikultà jew*** b'ħajja fil-periklu;

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35e – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li tilfu l-irkaptu tas-sajd ikunu pprojbiti milli jabbandunawh mingħajr ma jagħmlu*** kull tentattiv raġonevoli biex ***jirkuprawh malajr kemm jista' jkun***;	(c) ***malajr kemm jista' jkun, isir*** kull tentattiv raġonevoli biex ***jiġi rkuprat l-irkaptu tas-sajd mitluf qabel ma jiġi abbandunat***;

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19

Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35e – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tagħhom li jopera bi kwalunkwe rkaptu abbord ikollu*** tagħmir, fejn possibbli, ***abbord*** biex jirkupra kwalunkwe rkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor marbut ma' dawk il-bastimenti;	(d) ***ikun hemm*** tagħmir ***abbord***, fejn possibbli, biex jirkupra kwalunkwe rkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor marbut ma' dawk il-bastimenti;

Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35e – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***meta bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tagħhom ma jkunx jista' jirkupra*** rkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor ***lejn*** dak il-bastiment, ***il-bastiment jinnotifika lill-Istat*** Membru tal-bandiera ***tiegħu u lill-Kummissjoni*** fi żmien 48 siegħa ***bl-informazzjoni*** li ***ġejja relatata ma' dak l-irkaptu***:	(e) ***meta*** rkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor ***ta'*** dak il-bastiment ***ma jkunx jista' jiġi rkuprat***, ***l-Istat*** Membru tal-bandiera ***jiġi nnotifikat*** fi żmien 48 siegħa ***b'dan*** li ***ġej***:

Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35e – paragrafu 1 – punt f – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***meta bastiment li jtajjar il-bandiera tagħhom jirkupra rkaptu*** tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor mhux marbut ma' dak il-bastiment, ***il-bastiment jinnotifika lill-Istat*** Membru	(f) ***meta jiġi rkuprat irkaptu*** tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor mhux marbut ma' dak il-bastiment, ***l-Istat*** Membru tal-bandiera ***jiġi nnotifikat*** fi

tal-bandiera ***tiegħu*** fi żmien 48 siegħa b'dan li ġej:	żmien 48 siegħa b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 35e – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jgħaddu minnufih l-informazzjoni li jirċievu skont il-paragrafu 1, il-punti (e) u (f) lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni minnufih lis-Segretarjat tal-SPRFMO.	2. L-Istati Membri għandhom jgħaddu minnufih l-informazzjoni li jirċievu skont il-paragrafu 1, il-punti (e) u (f)***,*** lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha***. Il-Kummissjoni***, jew il-korp maħtur minnha,*** għandha tibgħat dik l-informazzjoni minnufih lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 40 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punt ta' kuntatt fejn jirċievu r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet mingħand il-Partijiet Kontraenti, l-entitajiet tas-sajd, u s-CNCPs.	1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punt ta' kuntatt fejn jirċievu r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet mingħand ***Stati Membri oħra,*** il-Partijiet Kontraenti, l-entitajiet tas-sajd, u s-CNCPs.

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każ ta' spezzjonijiet tal-portijiet, jekk il-punt ta' kuntatt iddeżinjat minn Stat Membru jirċievi rapport ta' spezzjoni minn Parti Kontraenti, minn entità tas-sajd jew minn CNCP li jipprovdi evidenza li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dak l-Istat Membru jkun wettaq ksur tas-CMMs tal-SPRFMO, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinvestiga minnufih ***il-ksur allegat*** u jinnotifika lill-Kummissjoni bl-istatus tal-investigazzjoni, u bi kwalunkwe azzjoni ta' infurzar li ***setgħet*** ittieħdet, sabiex il-Kummissjoni ***tkun tista' tinforma*** lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 3 xhur minn meta tkun irċeviet in-notifika. Jekk l-Istat Membru ma jistax jipprovdi lill-Kummissjoni rapport dwar l-istatus fi żmien 3 xhur minn meta jkun irċieva r-rapport tal-ispezzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni fi żmien il-perjodu ta' 3 xhur bir-raġunijiet dwar id-dewmien u dwar id-data sa meta jkun se jitressaq ir-rapport tal-istatus. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni dwar l-istatus jew id-dewmien tal-investigazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.	3. Fil-każ ta' spezzjonijiet tal-portijiet, jekk il-punt ta' kuntatt iddeżinjat minn Stat Membru jirċievi rapport ta' spezzjoni minn ***Stat Membru ieħor,*** Parti Kontraenti, minn entità tas-sajd jew minn CNCP li jipprovdi evidenza li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dak l-Istat Membru jkun wettaq ksur ***ta' dan ir-Regolament jew*** tas-CMMs tal-SPRFMO, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinvestiga minnufih ***l-allegat ksur*** u jinnotifika lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** bl-istatus tal-investigazzjoni, u bi kwalunkwe azzjoni ta' infurzar li ***tkun*** ittieħdet, sabiex il-Kummissjoni***, jew il-korp maħtur minnha, ikun jista' jinforma*** lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 3 xhur minn meta tkun irċeviet in-notifika. Jekk l-Istat Membru ma jistax jipprovdi lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** rapport dwar l-istatus fi żmien 3 xhur minn meta jkun irċieva r-rapport tal-ispezzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** fi żmien il-perjodu ta' 3 xhur bir-raġunijiet dwar id-dewmien u dwar id-data sa meta jkun se jitressaq ir-rapport tal-istatus. Il-Kummissjoni***, jew il-korp maħtur minnha,*** għandha tittrażmetti l-informazzjoni dwar l-istatus jew id-dewmien tal-investigazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.
	Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 40 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każ ta' tlugħ abbord u spezzjoni fl-ibħra internazzjonali, jekk il-punt ta' kuntatt dežinjat minn Stat Membru jirċievi	4. Fil-każ ta' tlugħ abbord u spezzjoni fl-ibħra internazzjonali, jekk il-punt ta' kuntatt dežinjat minn Stat Membru jirċievi

rapport ta’ spezzjoni minn Parti Kontraenti, entità tas-sajd jew CNCP li tipprovdi evidenza li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta’ dak l-Istat Membru jkun wettaq ksur tas-CMMs tal-SPRFMO, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-azzjoni li jkun ħa b’reazzjoni għall-allegat ksur, inkluż kwalunkwe proċediment istitwit u sanzjonijiet applikati, mill-inqas 110 ijiem qabel il-laqgħa annwali tal-Kummissjoni SPRFMO. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas 90 jum qabel il-laqgħa annwali.	rapport ta’ spezzjoni minn ***Stat Membru ieħor,*** Parti Kontraenti, entità tas-sajd jew CNCP li tipprovdi evidenza li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta’ dak l-Istat Membru jkun wettaq ksur ***ta’ dan ir-Regolament jew*** tas-CMMs tal-SPRFMO, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jirrapporta lill-Kummissjoni***, jew lill-korp maħtur minnha,*** dwar l-azzjoni li jkun ħa b’reazzjoni għall-allegat ksur, inkluż kwalunkwe proċediment istitwit u sanzjonijiet applikati, mill-inqas 110 ijiem qabel il-laqgħa annwali tal-Kummissjoni SPRFMO. Il-Kummissjoni***, jew il-korp maħtur minnha,*** għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas 90 jum qabel il-laqgħa annwali.
	Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 41 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mhux aktar tard minn 110 ijiem qabel il-laqgħa annwali, l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandhom jirrapportaw dwar il-metodi użati biex jipprevjenu t-tbagħbis tal-apparat ta’ lokalizzazzjoni permezz tas-satellita minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas 90 jum qabel il-laqgħa annwali.	4. Mhux aktar tard minn 110 ijiem qabel il-laqgħa annwali, l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandhom jirrapportaw ***lill-Kummissjoni*** dwar il-metodi użati biex jipprevjenu t-tbagħbis tal-apparat ta’ lokalizzazzjoni permezz tas-satellita minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas 90 jum qabel il-laqgħa annwali.
	Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 42

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(21a) L-Artikolu 42 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 42	Artikolu 42
Kunfidenzjalità	Kunfidenzjalità ***u protezzjoni tad-data***
Id-data li tinġabar u li tiġi skambjata fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ttrattata b'konformità mar-regoli dwar il-kunfidenzjalità ***stabbiliti fl-Artikoli*** 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.	***1.*** Id-data li tinġabar u li tiġi skambjata fil-kuntest ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ttrattata b'konformità mar-regoli ***applikabbli*** dwar il-kunfidenzjalità ***skont l-Artikoli*** 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
	2. Il-ġbir, it-trasferiment, il-ħżin jew l-ipproċessar b'xi mod ieħor ta' kwalunkwe data f'konformità ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679* u (UE) 2018/1725** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
	3. Id-data personali pproċessata skont dan ir-Regolament ma għandhiex tinħażen għal perjodu itwal minn 10 snin, ħlief jekk dik id-data personali tkun meħtieġa biex tippermetti s-segwitu ta' ksur, spezzjoni, jew proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi. F'dawk il-każijiet, id-data personali tista' tinħażen għal massimu ta' 20 sena. Jekk id-data personali tinżamm għal perjodu itwal, id-data għandha tiġi anonimizzata.
	****Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).***
	*****Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23***

ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Or. en

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 43 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 7(1), (1b), 1(c) u (2), 11, 13(2) u (5), 16(1) u (3), 17(1) u (2), ***21***, 22(1) sa (4), 23(6), 24(1) sa (3), 25(5) u (6), 26(1), 27(2), (3) u (3a), 28a(1) u (2), 28b(1)***, 28(2), 28t***, 28u(1), 29(1) u (2), 30(2), 31(1) u (1a), 34(5) u (6), 35(2) u (3), 35b(4), 35e(1), 36, 37(1), 39(2), u 40(2), (3) u (4), u 41(1), (2) u (4);	(b) il-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 7(1), (1b), 1(c) u (2), 11, 13(2) u (5), 16(1) u (3), 17(1) u (2), ***21(1) u (2)***, 22(1) sa (4), 23(6), 24(1) sa (3), 25(5) u (6), 26(1), 27(2), (3) u (3a), ***28(2),*** 28a(1) u (2), 28b(1)***,*** 28u(1), 29(1) u (2), 30(2), 31(1) u (1a), 34(5) u (6), 35(2) u (3), 35b(4), 35e(1) ***u (2)***, 36, 37(1), 39(2), u 40(2), (3) u (4), u 41(1), (2) u (4);

Or. en

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22 – punt d
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-tip ta' rekwiżiti ta' data u informazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7(2), 11, 13(2) u (3), 14(1) u (2), 16(1), 17(1), 18(2) u (3), 19(1), 21, 22(1) sa (4), 23(6), 24(1) sa (3), 25(1), 26(1), 27(2), (3) u (3a), 28(5), 28a(1) u (2), 28b(1), 28i, 28n(1), 28t, 29(1) u (2), 29a(1) ***u (4)***, 31(1), 35a(3), u 35e(1).	(f) it-tip ta' rekwiżiti ta' data u informazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7(2), 11, 13(2) u (3), 14(1) u (2), 16(1), 17(1), 18(2) u (3), 19(1), 21, 22(1) sa (4), 23(6), 24(1) sa (3), 25(1), 26(1), 27(2), (3) u (3a), 28(5), 28a(1) u (2), 28b(1), 28i, 28n(1), 28t, 29(1) u (2), 29a(1), 31(1), 35a(3), u 35e(1).

Or. en

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22 – punt e
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) il-lista tad-dmirijiet tal-osservaturi stabbilita fl-Artikolu 28q(2);	(q) il-lista tad-dmirijiet tal-osservaturi stabbilita fl-Artikolu 28q***(1) u*** (2);

Or. en

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/833
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punti d u e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-Artikolu 6(1), il-punti (d) u (e), il-format tal-ħin ta' "24:00" huwa sostitwit bi "23:59";

Or. en

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2019/833
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punti d u e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 6(1) il-format tal-ħin ta' "24:00" huwa sostitwit bi "23:59";	***imħassar***

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2019/833
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru li jkun qed iwettaq l-ispezzjoni għandu jiżgura li, għal kull lemħ fiż-Żona Regolatorja ta' bastiment tas-sajd li jkun intitolat itajjar il-bandiera ta' Parti Kontraenti tan-NAFO, l-ispetturi tiegħu ***għandhom*** jirreġistraw f'Formola tar-Rapport ta' Sorveljanza f'konformità mal-Anness IV.A tas-CEM imsemmi fil-punt 38 tal-Anness għal dan ir-Regolament, l-informazzjoni li ġejja:	1. L-Istat Membru li jkun qed iwettaq l-ispezzjoni għandu jiżgura li, għal kull lemħ fiż-Żona Regolatorja ta' bastiment tas-sajd li jkun intitolat itajjar il-bandiera ta' ***Stat Membru jew*** Parti Kontraenti ***oħra*** tan-NAFO, l-ispetturi tiegħu jirreġistraw f'Formola tar-Rapport ta' Sorveljanza f'konformità mal-Anness IV.A tas-CEM imsemmi fil-punt 38 tal-Anness għal dan ir-Regolament, l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2019/833
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. l-attività tal-bastiment tas-sajd li jkun intlemaħ skont kif stabbilit fl-ANNESS ***II.I.B*** tas-CEM;	***(d)*** l-attività tal-bastiment tas-sajd li jkun intlemaħ skont kif stabbilit fl-ANNESS ***II.I. Parti B*** tas-CEM ***imsemmija fil-punt 46 tal-Anness ta' dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2019/833
Artikolu 30 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru li jkun qed iwettaq	2. L-Istat Membru li jkun qed iwettaq

l-ispezzjoni għandu jiżgura li meta spettur jinnota bastiment tas-sajd fiż-Żona Regolatorja li jtajjar il-bandiera ta' Parti Kontraenti u li dwaru jkun hemm raġunijiet biex jissuspetta li qed jikser dan ir-Regolament, u meta ma jkunx prattiku li ssir spezzjoni minnufih, l-ispettur għandu:	l-ispezzjoni għandu jiżgura li meta spettur jinnota bastiment tas-sajd fiż-Żona Regolatorja li jtajjar il-bandiera ta' ***Stat Membru jew*** Parti Kontraenti u li dwaru jkun hemm raġunijiet biex jissuspetta li qed jikser dan ir-Regolament, u meta ma jkunx prattiku li ssir spezzjoni minnufih, l-ispettur għandu:
	Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2019/833
Artikolu 30 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. tibgħat ir-rapport ta' sorveljanza lill-EFCA relatat ma' lemħ imsemmi fil-paragrafu 2 li għandha tibagħtu minnufih lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO biex jintbagħat lill-Parti Kontraenti ***li tkun l-Istat tal-bandiera*** tal-bastiment;	***(b)*** tibgħat ir-rapport ta' sorveljanza lill-EFCA relatat ma' lemħ imsemmi fil-paragrafu 2 li għandha tibagħtu minnufih lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO biex jintbagħat ***lill-Istat Membru tal-bandiera jew*** lill-Parti Kontraenti tal-bastiment;
	Or. en

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/833
Artikolu 43

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9a) L-Artikolu 43 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 43	***"***Artikolu 43
Kunfidenzjalità	Kunfidenzjalità ***u protezzjoni tad-data***
L-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi, il-kaptani tal-bastimenti u l-ekwipaġġ għandhom jittrattaw ir-rapporti kollha ta' spezzjoni u ta' investigazzjoni u l-immaġnijiet u l-evidenza kollha assoċjati	***1. Id-data li tinġabar u li tiġi skambjata fil-kuntest ta' dan ir-regolament għandha tiġi ttrattata f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità skont l-Artikoli 112 u***

magħhom u l-formoli msemmijin f'dan il-Kapitolu bħala kunfidenzjali skont ir-regoli dwar il-kunfidenzjalità stabbiliti fl-Anness II.B għas-CEM imsemmi fil-punt 37 tal-Anness għal dan ir-Regolament.

113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Il-ġbir, it-trasferiment, il-ħżin jew l-ipproċessar b'xi mod ieħor ta' kwalunkwe data f'konformità ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679* u (UE) 2018/1725** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. Id-data personali pproċessata skont dan ir-Regolament ma għandhiex tinħażen għal perjodu itwal minn 10 snin, ħlief jekk dik id-data personali tkun meħtieġa biex tippermetti s-segwitu ta' ksur, spezzjoni, jew proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi. F'dawk il-każijiet, id-data personali tista' tinħażen għal massimu ta' 20 sena. Jekk id-data personali tinżamm għal perjodu itwal, id-data għandha tiġi anonimizzata.

****Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).***

Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).”

Or. en

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) 2019/833
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) ***id-dmirijiet tal-kaptan*** tal-bastiment tas-sajd u tal-Istati Membri fir-rigward tal-irkaptu tas-sajd mitluf jew abbandunat, u l-irkupru tal-irkaptu tas-sajd kif previst fl-Artikolu 15;	(q) ***informazzjoni għan-notifika mill-kaptan*** tal-bastiment tas-sajd u tal-Istati Membri fir-rigward tal-irkaptu tas-sajd mitluf jew abbandunat, u l-irkupru tal-irkaptu tas-sajd kif previst fl-Artikolu 15***(1) u (2)***;

Or. en

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2019/833
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) il-bidliet ***fir-referenza għad-dokument tan-NAFO għal-lista*** tal-attivitajiet tal-bastimenti użata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 30.1(d).	(s) il-bidliet ***fil-lista*** tal-attivitajiet tal-bastimenti użata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 30.1(d).

Or. en

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:
	“24a. “Sistema ta’ Monitoraġġ Elettroniku” jew “EMS” tfisser sistema integrata ta’ hardware u software li tappoġġa l-akkwist ta’ filmati ta’ attività

tas-sajd, data pożizzjonali u/jew sensur, li tippermetti l-analiżi u r-rapportar ta' rekords ta' monitoraġġ elettroniku."

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 4 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jaqbżu l-limitu ta' qbid annwali tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ***ta' waqfien mis-sajd miżjud matul is-sena ta' wara. Il-perjodu*** ta' waqfien mis-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu għandu jiżdied b'10 ijiem addizzjonali*** għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 200 tunnellata metrika ta' tonn obeż ***matul is-sena ta' qabel.*** Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 500 tunnellata metrika ta' tonn obeż, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 13-il jum***.*** Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 800 tunnellata metrika ta' tonn obeż, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied b'16-il jum; għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 2 100 tunnellata metrika, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied b'19-il jum; ***u*** għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 2 400 tunnellata metrika, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 22 jum***, minbarra l-waqfien imsemmi fil-paragrafu 1***. Il-jiem addizzjonali ta' waqfien mis-sajd skont ***dan*** il-paragrafu għandhom jiżdiedu, kif xieraq, mal-bidu tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li	1a. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jaqbżu l-limitu ta' qbid annwali tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' waqfien mis-sajd ***itwal*** imsemmi fil-paragrafu 1 ***matul is-sena ta' wara, kif ġej:***

josservaw l-ewwel perjodu u mat-tmiem tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw it-tieni perjodu, sabiex l-għeluq tal-ewwel perjodu dejjem jintemm fit-8 ta' Ottubru u t-tieni perjodu għandu dejjem jibda fid-9 ta' Novembru ta' kull sena.

(a) għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 200 tunnellata metrika ta' tonn obeż***, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied b'10 ijiem;***

(b) għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 500 tunnellata metrika ta' tonn obeż, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 13-il jum***;***

(c) għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 800 tunnellata metrika ta' tonn obeż, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied b'16-il jum;

(d) għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 2 100 tunnellata metrika, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied b'19-il jum;

(e) għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 2 400 tunnellata metrika, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 22 jum***;***

1aa. Il-jiem addizzjonali ta' waqfien mis-sajd skont il-paragrafu ***1a*** għandhom jiżdiedu, kif xieraq, mal-bidu tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw l-ewwel perjodu u mat-tmiem tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw it-tieni perjodu, sabiex l-għeluq tal-ewwel perjodu dejjem jintemm fit-8 ta' Ottubru u t-tieni perjodu għandu dejjem jibda fid-9 ta' Novembru ta' kull sena.

Or. en

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 4a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni kull sena dwar kwalunkwe qabda aċċessorja tat-tonn blu tal-Paċifiku***,*** ***li ma jistgħux jaqbżu l-10 tunnellati metriċi fis-sena***. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta din l-informazzjoni kull sena lis-Segretarjat tal-IATTC.	Kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni kull sena dwar kwalunkwe qabda aċċessorja tat-tonn blu tal-Paċifiku. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta din l-informazzjoni kull sena lis-Segretarjat tal-IATTC.

Or. en

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 6 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni jistgħu jiddiżattivaw baga bis-satellita mwaħħla ma' FAD biss fiċ-ċirkostanzi li ġejjin: telf totali tar-reċezzjoni tas-sinjali; irrokkar; approprjazzjoni ta' FAD minn parti terza; temporanjament matul perjodu ta' waqfien mis-sajd magħżul; meta 'l barra minn: iż-żona bejn il-meridjani 150° W u 100° W, u l-paralleli 8° N u 10° S; iż-żona bejn il-meridjan 100° W u l-kosta tal-kontinent Amerikan u l-paralleli 5° N u 15° S; jew it-trasferiment tas-sjieda.	2a. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni jistgħu jiddiżattivaw baga bis-satellita mwaħħla ma' FAD biss fiċ-ċirkostanzi li ġejjin: ***(a)*** telf totali tar-reċezzjoni tas-sinjali; ***(b)*** irrokkar; ***(c)*** approprjazzjoni ta' FAD minn parti terza; ***(d)*** temporanjament matul perjodu ta' waqfien mis-sajd magħżul;

	(e) meta ’l barra minn:
	(i) iż-żona bejn il-meridjani 150° W u 100° W, u l-paralleli 8° N u 10° S;
	(ii) iż-żona bejn il-meridjan 100° W u l-kosta tal-kontinent Amerikan u l-paralleli 5° N u 15° S; jew
	(f) it-trasferiment tas-sjieda.

Or. en

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 6 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni jistgħu jattivaw mill-ġdid mill-bogħod baga bis-satellita mwaħħla ma’ FAD fuq il-baħar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin: biex jassistu fl-irkupru ta’ FAD irrokkat; wara d-diżattivazzjoni temporanja matul il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd; jew it-trasferiment tas-sjieda waqt li l-FAD ikun fuq il-baħar.	2b. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni jistgħu jattivaw mill-ġdid mill-bogħod baga bis-satellita mwaħħla ma’ FAD fuq il-baħar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:
	(a) biex jassistu fl-irkupru ta’ FAD irrokkat;
	(b) wara d-diżattivazzjoni temporanja matul il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd; jew
	(c) it-trasferiment tas-sjieda waqt li l-FAD ikun fuq il-baħar.

Or. en

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 6 – paragrafu 2c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2c. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni għandhom jirrapportaw ***lill-IATTC*** kwalunkwe diżattivazzjoni jew riattivazzjoni mill-bogħod ta' baga bis-satellita f'konformità mal-Anness II u III. Ir-rapporti ***għandhom jiġu sottomessi*** f'intervalli ta' kull xahar b'dewmien ta' mill-inqas 60 jum, iżda mhux aktar minn 90 jum wara d-diżattivazzjoni jew ir-riattivazzjoni mill-bogħod.	2c. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni għandhom jirrapportaw ***lill-Istat Membru tal-bandiera*** kwalunkwe diżattivazzjoni jew riattivazzjoni mill-bogħod ta' baga bis-satellita f'konformità mal-Anness II u III. ***L-Istat Membru għandu jibgħat*** ir-rapporti ***lill-Kummissjoni*** f'intervalli ta' kull xahar b'dewmien ta' mill-inqas 60 jum, iżda mhux aktar minn ***70 jum wara d-diżattivazzjoni jew ir-riattivazzjoni mill-bogħod. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti lis-Segretarjat tal-IATTC mhux aktar tard minn*** 90 jum wara d-diżattivazzjoni jew ir-riattivazzjoni mill-bogħod ***ta' bagi bis-satellita***.

Or. en

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 6 – paragrafi 5 u 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Jitħassru l-paragrafi 5 u 6.

Or. en

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 6a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Materjali mhux bijodegradabbli, b'mod partikolari l-ħbula tan-najlon, jistgħu jintużaw esklussivament biex tissaħħaħ l-istruttura tal-komponent li jżomm f'wiċċ l-ilma jew ta' taħt l-ilma tal-	3. Materjali mhux bijodegradabbli, b'mod partikolari l-ħbula tan-najlon, jistgħu jintużaw esklussivament biex tissaħħaħ l-istruttura tal-komponent li jżomm f'wiċċ l-ilma jew ta' taħt l-ilma tal-

FAD tal-kategoriji I u II tal-bijodegradabbiltà, bħala soluzzjoni temporanja fin-nuqqas tad-disponibbiltà ta' alternattiva bijodegradabbli.	FAD tal-kategoriji I u II tal-bijodegradabbiltà, bħala soluzzjoni temporanja fin-nuqqas tad-disponibbiltà ta' alternattiva bijodegradabbli.

Or. en

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu kull tibdil fil-lista tal-portijiet u tal-punti ta' kuntatt magħżula lill-Kummissjoni mill-inqas ***20*** jum qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC mill-inqas 7 ijiem qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.	2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu kull tibdil fil-lista tal-portijiet u tal-punti ta' kuntatt magħżula lill-Kummissjoni mill-inqas ***15-il*** jum qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC mill-inqas 7 ijiem qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.

Or. en

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jiżguraw li l-kaptani*** jiffaċilitaw l-aċċess sikur għall-bastiment tas-sajd, jikkooperaw mal-awtorità kompetenti ***tal-PKK tal-port***, jiffaċilitaw l-ispezzjoni u l-komunikazzjoni u ma jostakolawx, ma jintimidawx u ma jfixklux, jew jikkawżaw lil persuni oħra jostakolaw, jintimidaw jew ifixklu lill-ispetturi ***tal-PKK*** tal-port fil-qadi ta' dmirijiethom.	3. ***Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom*** jiffaċilitaw l-aċċess sikur għall-bastiment tas-sajd, jikkooperaw mal-awtorità kompetenti ***tal-portijiet magħżula tal-IATTC***, jiffaċilitaw l-ispezzjoni u l-komunikazzjoni u ma jostakolawx, ma jintimidawx u ma jfixklux, jew jikkawżaw lil persuni oħra jostakolaw, jintimidaw jew ifixklu lill-ispetturi tal-port fil-qadi ta' dmirijiethom.

Or. en

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tagħmir tal-VMS installat fuq il-bastimenti, bħala minimu, ***se*** juri kull tbagħbis possibbli (jiġifieri, kwalunkwe tentattiv ta' tbagħbis tat-tagħmir se jkun jista' jiġi identifikat mill-fornitur tas-servizz ta' monitoraġġ elettroniku/mis-sid tal-bastiment, u jiġi rrapportat lill-awtorità tal-bandiera tal-bastiment rispettiva), se jkun kompletament awtomatiku għar-rapportar regolari tad-data dwar il-pożizzjoni, dejjem operazzjonali irrispettivament mill-kundizzjonijiet ambjentali, u kapaċi jittrażmetti r-rapporti u l-messaġġi manwalment.	3. It-tagħmir tal-VMS installat fuq il-bastimenti, bħala minimu, ***għandu*** juri kull tbagħbis possibbli (jiġifieri, kwalunkwe tentattiv ta' tbagħbis tat-tagħmir se jkun jista' jiġi identifikat mill-fornitur tas-servizz ta' monitoraġġ elettroniku/mis-sid tal-bastiment, u jiġi rrapportat lill-awtorità tal-bandiera tal-bastiment rispettiva), se jkun kompletament awtomatiku għar-rapportar regolari tad-data dwar il-pożizzjoni, dejjem operazzjonali irrispettivament mill-kundizzjonijiet ambjentali, u kapaċi jittrażmetti r-rapporti u l-messaġġi manwalment.

Or. en

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. F'każ ***li tiġi identifikata*** ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjonament tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord bastiment tas-sajd li jipprevjeni l-wasla ta' żewġ trażmissjonijiet konsekuttivi, il-kaptan tal-bastiment għandu jibda t-trażmissjoni manwali f'konformità mal-paragrafu ***5*** u l-apparat għandu jissewwa jew jiġi sostitwit fi żmien 30 jum. Dan għandu jkun applikabbli biss meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu eżawrew il-passi	5. F'każ ***ta'*** ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjonament tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord bastiment tas-sajd li jipprevjeni l-wasla ta' żewġ trażmissjonijiet konsekuttivi, il-kaptan tal-bastiment għandu jibda t-trażmissjoni manwali f'konformità mal-paragrafu ***6*** u l-apparat għandu jissewwa jew jiġi sostitwit fi żmien 30 jum. Dan għandu jkun applikabbli biss meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu eżawrew il-passi

raġonevoli kollha biex jiżguraw it-trażmissjonijiet u ma jkun hemm l-ebda apparat ieħor ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita li jiffunzjona abbord.	raġonevoli kollha biex jiżguraw it-trażmissjonijiet u ma jkun hemm l-ebda apparat ieħor ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita li jiffunzjona abbord.

Or. en

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "Sistema ta' Monitoraġġ Elettroniku" jew "EMS" tfisser sistema integrata ta' hardware u software li tappoġġa l-akkwist ta' filmati ta' attività tas-sajd, data pożizzjonali u/jew sensur, li tippermetti l-analiżi u r-rapportar ta' rekords ta' monitoraġġ elettroniku.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni ġiet imċaqalqa fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/56

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7c – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rekwiżiti tekniċi minimi, l-istandards tal-prestazzjoni, l-attivitajiet li jenħtieġ li jkunu koperti mill-EMS u maqbuda mill-kamera/kameras u r-rakkomandazzjonijiet ġenerali għall-konfigurazzjonijiet tat-tagħmir tal-EMS huma pprovduti fl-Anness VI. Il-bastimenti jew il-gruppi ta' bastimenti b'disinji simili li josservaw dawn l-istandards minimi	4. Ir-rekwiżiti tekniċi minimi, l-istandards tal-prestazzjoni, l-attivitajiet li jenħtieġ li jkunu koperti mill-EMS u maqbuda mill-kamera/kameras u r-rakkomandazzjonijiet ġenerali għall-konfigurazzjonijiet tat-tagħmir tal-EMS huma pprovduti fl-Anness VI. Il-bastimenti jew il-gruppi ta' bastimenti b'disinji simili li josservaw dawn l-istandards minimi

għandu jkollhom Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMP, Vessel Monitoring Plan) ibbażat fuq ***id-disinji u l-ispeċifiċitajiet*** tal-bastiment.	għandu jkollhom Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMP, Vessel Monitoring Plan) ibbażat fuq ***id-disinn u l-ispeċifikazzjonijiet*** tal-bastiment.

Or. en

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7c – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-VMP ***se*** jiddeskrivi l-konfigurazzjoni, il-komponenti u l-installazzjoni tat-tagħmir tal-EMS fuq kull bastiment, u din il-konfigurazzjoni għandha tkun kapaċi tiġbor rekords tal-EMS konsistenti mal-istandards minimi obbligatorji u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti kollha f'dan id-dokument. Il-kontenut meħtieġ tal-Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti huwa stabbilit fl-Anness VIII. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu format ieħor ta' VMP sakemm dan ikun fih ir-rekwiżiti minimi deskritti fl-Anness VIII, il-paragrafu 4.	8. Il-VMP ***għandu*** jiddeskrivi l-konfigurazzjoni, il-komponenti u l-installazzjoni tat-tagħmir tal-EMS fuq kull bastiment, u din il-konfigurazzjoni għandha tkun kapaċi tiġbor rekords tal-EMS konsistenti mal-istandards minimi obbligatorji u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti kollha f'dan id-dokument. Il-kontenut meħtieġ tal-Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti huwa stabbilit fl-Anness VIII. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu format ieħor ta' VMP sakemm dan ikun fih ir-rekwiżiti minimi deskritti fl-Anness VIII, il-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7c – paragrafu 12 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Il-kaptani ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni b'VMP għandhom jiżguraw li:	12. Il-kaptani ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni b'VMP għandhom jiżguraw li:

Or. en

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7c – paragrafu 13 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li l-analiżi tar-rekords tal-EMS fis-sinteżi tad-data tal-EM issir minn kumpaniji awtorizzati ***mill-PKK*** jew minn istituzzjonijiet ***tal-PKK*** jew awtoritajiet ***tal-PKK***, bit-taħriġ, l-għarfien, il-ħiliet u l-kapaċitajiet meħtieġa biex tiġi żgurata analiżi effettiva tar-rekords tal-EM u l-ġenerazzjoni tad-data tal-EMS; dan jinkludi identifikazzjoni preċiża biżżejjed tal-ispeċijiet;	(b) li l-analiżi tar-rekords tal-EMS fis-sinteżi tad-data tal-EM issir minn kumpaniji awtorizzati ***mill-Unjoni,*** jew minn istituzzjonijiet jew awtoritajiet ***fl-Unjoni***, bit-taħriġ, l-għarfien, il-ħiliet u l-kapaċitajiet meħtieġa biex tiġi żgurata analiżi effettiva tar-rekords tal-EM u l-ġenerazzjoni tad-data tal-EMS; dan jinkludi identifikazzjoni preċiża biżżejjed tal-ispeċijiet;

Or. en

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7c – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Id-deskrizzjoni tal-programm tal-EMS għandha tiġi sottomessa mill-Kummissjoni lid-Direttur tal-IATTC qabel ma l-programm tal-EM jibda jissottometti d-data lill-IATTC. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kwalunkwe bidla fil-programm domestiku tal-EMS tagħhom lill-Kummissjoni li għandha tinforma ***lid-Direttur*** tal-IATTC kull meta jseħħu tali bidliet.	15. Id-deskrizzjoni tal-programm tal-EMS għandha tiġi sottomessa mill-Kummissjoni lid-Direttur tal-IATTC qabel ma l-programm tal-EM jibda jissottometti d-data lill-IATTC. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kwalunkwe bidla fil-programm domestiku tal-EMS tagħhom lill-Kummissjoni li għandha tinforma ***lis-Segretarjat*** tal-IATTC kull meta jseħħu tali bidliet.

Or. en

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7c – paragrafu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw l-EMS biex jiġbru d-data dwar is-sajd għas-sottomissjoni lill-IATTC għandhom jirrapportaw id-data tal-EMS għal kull sena miġbura b'mod konsistenti mal-istandards minimi stabbiliti f'dan ***l-att*** lis-Segretarjat tal-IATTC, ***preferibbilment*** konsistenti mal-iskadenzi għar-rapportar tad-data ***tar-riżoluzzjonijiet applikabbli*** jew sa tmiem is-sena ta' wara bl-użu tal-formati u l-linji gwida deskritti ***fir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità tal-Annessi*** VI, VII u IX.	16. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw l-EMS biex jiġbru d-data dwar is-sajd għas-sottomissjoni lill-IATTC għandhom jirrapportaw id-data tal-EMS għal kull sena miġbura b'mod konsistenti mal-istandards minimi stabbiliti f'dan ***ir-Regolament*** lis-Segretarjat tal-IATTC, konsistenti mal-iskadenzi għar-rapportar tad-data jew sa tmiem is-sena ta' wara bl-użu tal-formati u l-linji gwida deskritti ***fl-Annessi*** VI, VII u IX.

Or. en

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 7c – paragrafu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw l-EMS biex jiġbru d-data dwar is-sajd għas-sottomissjoni lill-IATTC għandhom jissottomettu ***sat-30*** ta' Marzu tas-sena ta' wara sommarju fil-livell tal-flotta tal-VMPs lill-Kummissjoni li jiddeskrivi l-implimentazzjoni tal-programm(i) tal-EM tagħhom fis-sena preċedenti, inkluż, bħala minimu, l-għadd ta' bastimenti li jimplimentaw ***l-EMs*** skont l-irkaptu u t-tip ta' sajd; il-firxa ta' konfigurazzjonijiet tal-EMS implimentati fil-flotta; deskrizzjoni ġenerali tar-rekwiżiti tal-EMS ***għall-kaptani/ekwipaġġi*** tal-bastimenti mill-Istati Membri; il-perċentwal tal-livelli ta' kopertura miksuba skont it-tip ta' sajd u ta' rkaptu; dettalji dwar kif ġew ikkalkulati dawk il-livelli ta' kopertura; u, fejn xieraq, informazzjoni	17. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw l-EMS biex jiġbru d-data dwar is-sajd għas-sottomissjoni lill-IATTC għandhom jissottomettu ***sal-15*** ta' Marzu tas-sena ta' wara sommarju fil-livell tal-flotta tal-VMPs lill-Kummissjoni li jiddeskrivi l-implimentazzjoni tal-programm(i) tal-EM tagħhom fis-sena preċedenti, inkluż, bħala minimu, l-għadd ta' bastimenti li jimplimentaw ***l-EMS*** skont l-irkaptu u t-tip ta' sajd; il-firxa ta' konfigurazzjonijiet tal-EMS implimentati fil-flotta; deskrizzjoni ġenerali tar-rekwiżiti tal-EMS ***għall-kaptani u l-ekwipaġġi*** tal-bastimenti mill-Istati Membri; il-perċentwal tal-livelli ta' kopertura miksuba skont it-tip ta' sajd u ta' rkaptu; dettalji dwar kif ġew ikkalkulati dawk il-livelli ta' kopertura; u, fejn xieraq, informazzjoni

dwar il-monitoraġġ tal-konformità.	dwar il-monitoraġġ tal-konformità. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lis-Segretarjat tal-IATTC ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-programm(i) tal-EM fis-sena ta' qabel sat-30 ta' Marzu.***
	Or. en

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-bastimenti tas-sajd bil-konz li jaqbdu l-klieb il-baħar b'mod inċidentali għandhom jillimitaw il-qabda aċċessorja tat-tawri seta sa massimu ta' 20 % tal-qabda totali għal kull vjaġġ tas-sajd bħala piż. Is-sajd għal diversi speċijiet bl-użu ta' konzijiet tal-wiċċ ***(li fihom il-maġġoranza tas-snanar jistadu f'fond ta' aktar minn 100 metru u jimmiraw speċijiet għajr il-pixxispad)*** għandu jillimita l-qabda ta' tawri seta b'tul totali ta' inqas minn 100 cm għal 20 % tal-għadd totali ta' tawri seta maqbuda matul il-vjaġġ.	4. Il-bastimenti tas-sajd bil-konz li jaqbdu l-klieb il-baħar b'mod inċidentali għandhom jillimitaw il-qabda aċċessorja tat-tawri seta sa massimu ta' 20 % tal-qabda totali għal kull vjaġġ tas-sajd bħala piż ***ħaj***. Is-sajd għal diversi speċijiet bl-użu ta' konzijiet tal-wiċċ għandu jillimita l-qabda ta' tawri seta b'tul totali ta' inqas minn 100 cm għal 20 % tal-għadd totali ta' tawri seta maqbuda matul il-vjaġġ.
	Or. en

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel il-15 ta' Settembru ta' kull sena, il-perjodu uniku ta' użu ristrett tat-truf tax-xolfa tal-azzar imsemmi fil-paragrafu 5 li ***se*** jiġi osservat għas-sena kalendarja. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-	7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel il-15 ta' Settembru ta' kull sena, il-perjodu uniku ta' użu ristrett tat-truf tax-xolfa tal-azzar imsemmi fil-paragrafu 5 li ***għandu*** jiġi osservat għas-sena kalendarja. Il-Kummissjoni għandha***, qabel l-1 ta'***

Segretarjat tal-IATTC kif xieraq.	***Ottubru ta' kull sena,*** tinnotifika lis-Segretarjat tal-IATTC kif xieraq.
	Or. en

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jirrilaxxaw minnufih il-klieb il-baħar (kemm jekk ħajjin kif ukoll jekk mejtin) maqbuda li ma jinżammux mingħajr ma ssirilhom ħsara***,*** sa fejn ikun prattikabbli, malli jidhru fuq ix-xlief, meta jitħabblu fix-xibka jew jintrefgħu abbord bil-kopp, filwaqt li jqisu kif xieraq is-sikurezza ta' kull persuna. ***L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti*** tas-sajd bit-tartarun tal-borża japplikaw il-proċedura li ġejja biex jissalvagwardjaw is-sikurezza tal-persuni involuti f'tali operazzjoni:	1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jirrilaxxaw minnufih il-klieb il-baħar (kemm jekk ħajjin kif ukoll jekk mejtin) maqbuda li ma jinżammux**,** mingħajr ma ssirilhom ħsara sa fejn ikun prattikabbli, malli jidhru fuq ix-xlief, meta jitħabblu fix-xibka jew jintrefgħu abbord bil-kopp, filwaqt li jqisu kif xieraq is-sikurezza ta' kull persuna.
	1a. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża ***għandhom*** japplikaw il-proċedura li ġejja biex jissalvagwardjaw is-sikurezza tal-persuni involuti f'tali operazzjoni:
	Or. en

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb il-baħar merfugħin abbord bil-kopp għandhom jiġu rritornati fl-ilma malajr kemm jista' jkun, billi tintuża rampa	(b) il-klieb il-baħar merfugħin abbord bil-kopp għandhom jiġu rritornati fl-ilma malajr kemm jista' jkun, billi tintuża rampa

mill-gverta li tkun imqabbda ma' fetħa fuq il-ġenb tal-bastiment, jew permezz ta' fetħiet tal-evakwazzjoni. Jekk ir-rampi jew il-fetħiet tal-evakwazzjoni ma jkunux disponibbli, il-klieb il-baħar għandhom jitbaxxew bi braga jew xibka tal-merkanzija, bl-użu ta' krejn jew tagħmir simili***, jew kif indikat fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni C-24-05***[17];	mill-gverta li tkun imqabbda ma' fetħa fuq il-ġenb tal-bastiment, jew permezz ta' fetħiet tal-evakwazzjoni. Jekk ir-rampi jew il-fetħiet tal-evakwazzjoni ma jkunux disponibbli, il-klieb il-baħar għandhom jitbaxxew bi braga jew xibka tal-merkanzija, bl-użu ta' krejn jew tagħmir simili;

_____

17

https://www.iattc.org/GetAttachment/7101d6dd-24e2-428b-afe1-aab5f05726ae/C-24-05_Sharks%E2%80%93amends-and-replaces-Res.-C-23-07.pdf

Or. en

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-użu ta' gaffi, snanar, jew strumenti simili għall-manipulazzjoni tal-klieb il-baħar ***għandu jkun ipprojbit***;	(c) l-użu ta' gaffi, snanar, jew strumenti simili għall-manipulazzjoni tal-klieb il-baħar ***huwa pprojbit***;

Or. en

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-irfigħ tal-klieb il-baħar mir-ras, mid-denb, mill-qasmiet tal-garġi, jew mill-imniefes, jew bl-użu ta' wajer tal-irbit mal-ġisem jew li jiddaħħal minn ġo fih ***għandhom ikunu*** pprojbiti. It-titqib ta' toqob fl-iġsma tal-klieb il-baħar (eż., biex	(d) l-irfigħ tal-klieb il-baħar mir-ras, mid-denb, mill-qasmiet tal-garġi, jew mill-imniefes, jew bl-użu ta' wajer tal-irbit mal-ġisem jew li jiddaħħal minn ġo fih ***huma*** pprojbiti. It-titqib ta' toqob fl-iġsma tal-klieb il-baħar (eż., biex jgħaddu kejbil biex

jgħaddu kejbil biex jerfgħu l-kelb il-baħar) ***għandu jkun ipprojbit***;	jerfgħu l-kelb il-baħar) ***huwa pprojbit***;

Or. en

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-irfigħ tal-klieb balena (Rhincodon typus) abbord il-bastiment ***għandu jkun ipprojbit*** kif ukoll l-irmunkar tal-klieb balena minn xibka tat-tartarun tal-borża, eż., bl-użu ta' ħbula tal-irmonk.	(e) l-irfigħ tal-klieb balena (Rhincodon typus) abbord il-bastiment ***huwa pprojbit*** kif ukoll l-irmunkar tal-klieb balena minn xibka tat-tartarun tal-borża, eż., bl-użu ta' ħbula tal-irmonk.

Or. en

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) għodod rakkomandati għall-aħjar prattiki ta' manipulazzjoni u rilaxx:
	(i) apparati tal-issortjar/rilaxx ta' qabda aċċessorja għall-gverta tax-xogħol/prinċipali, eż. hopper b'bieba jew rampa;
	(ii) streċers/nieqa.

Or. en

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti*** tas-sajd bil-konz japplikaw il-proċedura li ġejja biex jissalvagwardjaw is-sikurezza tal-persuni involuti f'tali operazzjonijiet:	2. ***Il-bastimenti*** tas-sajd bil-konz ***għandhom*** japplikaw il-proċedura li ġejja biex jissalvagwardjaw is-sikurezza tal-persuni involuti f'tali operazzjonijiet:

Or. en

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb il-baħar għandhom ***jinħallu u*** jiġu rilaxxati fl-oċean malajr kemm jista' jkun wara li jintlemħu ***mħabbla fix-xibka*** għall-ewwel darba;	(a) il-klieb il-baħar għandhom jiġu rilaxxati fl-oċean malajr kemm jista' jkun wara li jintlemħu għall-ewwel darba ***maqbuda ma' sunnara***;

Or. en

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb il-baħar merfugħin abbord bil-kopp għandhom jiġu rritornati fl-ilma malajr kemm jista' jkun, billi tintuża rampa mill-gverta li tkun imqabbda ma' fetħa fuq il-ġenb tal-bastiment, jew permezz ta' fetħiet tal-evakwazzjoni. Jekk ir-rampi jew il-fetħiet tal-evakwazzjoni ma jkunux disponibbli, il-klieb il-baħar għandhom jitbaxxew bi braga jew xibka tal-merkanzija, bl-użu ta' krejn jew tagħmir simili***, jew kif indikat fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni C-24-05***;	(b) il-klieb il-baħar merfugħin abbord bil-kopp għandhom jiġu rritornati fl-ilma malajr kemm jista' jkun, billi tintuża rampa mill-gverta li tkun imqabbda ma' fetħa fuq il-ġenb tal-bastiment, jew permezz ta' fetħiet tal-evakwazzjoni. Jekk ir-rampi jew il-fetħiet tal-evakwazzjoni ma jkunux disponibbli, il-klieb il-baħar għandhom jitbaxxew bi braga jew xibka tal-merkanzija, bl-użu ta' krejn jew tagħmir simili;

Or. en

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-użu ta' gaffi, snanar, jew strumenti simili għall-manipulazzjoni tal-klieb il-baħar ***għandu jkun ipprojbit***;	(c) l-użu ta' gaffi, snanar, jew strumenti simili għall-manipulazzjoni tal-klieb il-baħar ***huwa pprojbit***;

Or. en

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-irfigħ tal-klieb il-baħar mir-ras, mid-denb, mill-qasmiet tal-garġi, jew mill-imniefes, jew bl-użu ta' wajer tal-irbit mal-ġisem jew li jiddaħħal minn ġo fih għandhom ikunu pprojbiti. It-titqib ta' toqob fl-iġsma tal-klieb il-baħar (eż., biex jgħaddu kejbil biex jerfgħu l-kelb il-baħar) ***għandu jkun ipprojbit***;	(d) l-irfigħ tal-klieb il-baħar mir-ras, mid-denb, mill-qasmiet tal-garġi, jew mill-imniefes, jew bl-użu ta' wajer tal-irbit mal-ġisem jew li jiddaħħal minn ġo fih għandhom ikunu pprojbiti. It-titqib ta' toqob fl-iġsma tal-klieb il-baħar (eż., biex jgħaddu kejbil biex jerfgħu l-kelb il-baħar) ***huwa pprojbit***;

Or. en

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-irfigħ tal-klieb balena (Rhincodon typus) abbord il-bastiment ***għandu jkun***	(e) l-irfigħ tal-klieb balena (Rhincodon typus) abbord il-bastiment ***huwa pprojbit***

ipprojbit kif ukoll l-irmunkar tal-klieb balena ***minn xibka tat-tartarun tal-borża***, eż., bl-użu ta' ħbula tal-irmonk;	kif ukoll l-irmunkar tal-klieb balena, eż., bl-użu ta' ħbula tal-irmonk;

Or. en

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"(ga) għodod rakkomandati għall-aħjar prattiki ta' manipulazzjoni u rilaxx:
	(i) kopp;
	(ii) żgankatur qasir, għall-klieb il-baħar li jittellgħu abbord;
	(iii) taljalenez;
	(iv) żgankatur b'manku qasir, fuq bastimenti b'bord ta' inqas minn żewġ metri;
	(v) taljalenez b'manku twil b'tul ugwali għat-tul tal-bord tal-bastiment jew akbar;
	(vi) żgankatur b'manku twil b'tul ugwali għat-tul tal-bord tal-bastiment jew akbar."

Or. en

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Minbarra dak indikat skont l-Artikolu 12(1), il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom japplikaw l-aħjar prattiki ta' manipulazzjoni u ta' rilaxx sikuri għall-klieb il-baħar f'konformità mal-linji gwida tal-Anness 3 u 3.1 tar-	***imħassar***

Riżoluzzjoni C-24-05.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu mhuwiex meħtieġ, meta wieħed iqis li d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni C-24-05 huma inklużi fl-artikolu.

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jiġbru u jissottomettu data dwar il-qabdiet għat-tawri seta u l-kurazzi ***lill-Istati Membri***, li għandhom ***jibagħtu u*** jippreżentaw dik id-data lill-Kummissjoni ***sal-31*** ta' Marzu ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-data lis-Segretarjat tal-IATTC.	1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jiġbru u jissottomettu data dwar il-qabdiet għat-tawri seta u l-kurazzi ***lill-Istat Membru tal-bandiera***, li għandhom ***jibagħtu u*** jippreżentaw dik id-data lill-Kummissjoni ***sal-15*** ta' Marzu ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-data lis-Segretarjat tal-IATTC ***sal-31 ta' Marzu ta' kull sena***.

Or. en

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jirrapporta kull sena d-data dwar il-qabdiet, l-isforz skont it-tip ta' rkaptu, il-ħatt l-art u l-kummerċ tal-klieb il-baħar, skont l-ispeċi, fejn possibbli, f'konformità mal-proċeduri ta' rapportar tal-IATTC, inkluża d-data storika disponibbli lill-Kummissjoni ***sal-31*** ta' Marzu ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-data lis-Segretarjat tal-	2. Kull Stat Membru għandu jirrapporta kull sena d-data dwar il-qabdiet, l-isforz skont it-tip ta' rkaptu, il-ħatt l-art u l-kummerċ tal-klieb il-baħar, skont l-ispeċi, fejn possibbli, f'konformità mal-proċeduri ta' rapportar tal-IATTC, inkluża d-data storika disponibbli lill-Kummissjoni ***sal-15*** ta' Marzu ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-data lis-Segretarjat tal-

IATTC.	IATTC ***sal-31 ta' Marzu ta' kull sena***.

Or. en

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 25 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Id-data miġbura dwar il-FADs f'konformità mal-Artikolu ***14*** ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mill-Istati Membri mhux aktar tard minn 75 jum qabel kull laqgħa regolari ***tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku***. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-laqgħa ***tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku***.	***6.*** Id-data miġbura dwar il-FADs f'konformità mal-Artikolu ***6*** ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mill-Istati Membri mhux aktar tard minn 75 jum qabel kull laqgħa regolari ***tal-SAC***. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-laqgħa ***tal-SAC***.

Or. en

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jimlew il-kwestjonarju standard dwar il-konformità ***mal-IATTC*** imsemmi fl-Anness I tar-Riżoluzzjoni C-22-02[18] mhux aktar tard minn 75 jum qabel il-laqgħa annwali tal-Kumitat għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Miżuri adottati mill-Kummissjoni tal-IATTC ("il-Kumitat ta' Konformità"). Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni ***lid-Direttur*** tal-IATTC mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta' Konformità.	1. L-Istati Membri għandhom jimlew il-kwestjonarju standard dwar il-konformità ***mar-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC*** imsemmi fl-Anness I tar-Riżoluzzjoni C-22-02[18] mhux aktar tard minn 75 jum qabel il-laqgħa annwali tal-Kumitat għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Miżuri adottati mill-Kummissjoni tal-IATTC ("il-Kumitat ta' Konformità"). Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni ***lis-Segretarjat*** tal-IATTC mhux aktar tard minn 60 jum

qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta’ Konformità.

18 https://www.iattc.org/GetAttachment/82979774-0873-498a-8416-67ca268e023a/C-22-02_Compliance.pdf

18 https://www.iattc.org/GetAttachment/82979774-0873-498a-8416-67ca268e023a/C-22-02_Compliance.pdf

Or. en

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk il-Kummissjoni tirċievi mingħand ***id-Direttur*** tal-IATTC kwalunkwe informazzjoni li tindika suspett ta’ nuqqas ta’ konformità mal-Konvenzjoni jew Riżoluzzjonijiet minn Stat Membru jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat mingħajr dewmien.	2. Jekk il-Kummissjoni tirċievi mingħand ***is-Segretarjat*** tal-IATTC kwalunkwe informazzjoni li tindika suspett ta’ nuqqas ta’ konformità mal-Konvenzjoni jew Riżoluzzjonijiet minn Stat Membru jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 26 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni ***lid-Direttur*** tal-IATTC mill-inqas 60 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta’ Konformità.	4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni ***lis-Segretarjat*** tal-IATTC mill-inqas 60 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta’ Konformità.

Or. en

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 27

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(11a) L-Artikolu 27 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 27	***"Artikolu 27***
Kunfidenzjalità	Kunfidenzjalità ***u protezzjoni tad-data***
Minbarra l-obbligi stipulati fl-Artikoli 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri, il-kaptani tal-bastimenti u l-osservaturi għandhom jiżguraw it-trattament kunfidenzjali tar-rapporti u l-messaġġi elettroniċi mibgħuta lis-Segretarjat tal-IATTC u dawk li jaslu mingħandu skont l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 19(5) u (8) u l-Artikolu 21(6) ta' dan ir-Regolament.	***1. Id-data li tinġabar u li tiġi skambjata fil-kuntest ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ttrattata f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità skont l-Artikoli 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.***
	2. Il-ġbir, it-trasferiment, il-ħżin jew l-ipproċessar b'xi mod ieħor ta' kwalunkwe data f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jkun f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679* u (UE) 2018/1725**.
	3. Id-data personali pproċessata skont dan ir-Regolament ma għandhiex tinħażen għal perjodu itwal minn 10 snin, ħlief jekk dik id-data personali tkun meħtieġa biex tippermetti s-segwitu ta' ksur, spezzjoni, jew proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi. F'dawk il-każijiet, id-data personali tista' tinħażen għal massimu ta' 20 sena. Jekk id-data personali tinżamm għal perjodu itwal, id-data għandha tiġi anonimizzata.
	****Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment***

liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

*****Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).”***

Or. en

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 27a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Artikolu 27a jiddaħħal kif ġej:	***imħassar***
“Artikolu 27a	
Linji gwida	
Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri li għandhom opportunitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni bi kwalunkwe linja gwida żviluppata mill-IATTC, rigward l-aħjar prattiki ta' manipulazzjoni u ta' rilaxx sikuri għall-klieb il-baħar.	
L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li dawk il-linji gwida jiġu pprovduti lill-kaptani tal-bastimenti tagħhom involuti fis-sajd ikkonċernat. Dawk il-kaptani għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa/possibbli biex japplikaw dawn il-linji gwida.”	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-artikolu mhuwiex meħtieġ, meta wieħed iqis l-Artikolu 12 il-ġdid li fih id-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni C-24-05.

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***Fl-Artikolu*** 28***, il-paragrafu 1, jiżdied il-punt (p)***:	(13) ***L-Artikolu*** 28***(1) huwa emendat kif ġej:***
	(a) il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(o) ***l-Anness*** ta' dan ir-Regolament.	"(o) ***l-Annessi*** ta' dan ir-Regolament".
	(b) jiżdied il-punt li ġej:
(p) ir-referenza ***għad-dokumenti tal-linji gwida previsti fl-Artikolu 12(1)(b) u 12(2)(b), 12(3), u referenza għall-atti internazzjonali stabbiliti*** fl-Artikolu 26(1).	(p) ir-referenza ***għall-Kwestjonarju Standard dwar il-Konformità mar-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC stabbilit*** fl-Artikolu 26(1).

Or. en

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2021/56
Anness

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Fit-titolu tal-Anness tar-Regolament (UE) 2021/56 "Tabella 1: Miżuri ta' mitigazzjoni", it-terminu "Anness" huwa sostitwit b' "Anness ***II***".	(14) Fit-titolu tal-Anness tar-Regolament (UE) 2021/56 "Tabella 1: Miżuri ta' mitigazzjoni", it-terminu "Anness" huwa sostitwit b' "Anness ***I***".

Or. en

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2022/2056
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni bil-konz li jistadu direttament għat-tonn u għall-kastardella bejn 20° N u 20° S, ma għandhomx jużaw fili tal-metall bħala brazzoli jew truf tax-xolfa tal-metall u għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw kalamenti tal-klieb il-baħar jew brazzoli li jkunu mwaħħlin direttament mal-knuz pelaġiċi jew mill-imtielaq, magħrufa bħala kalamenti tal-klieb il-baħar kif muri fl-Anness VI. Il-bastimenti li jġorru fili tal-metall bħala brazzoli jew truf tax-xolfa tal-metall għandhom ***jistivawhom***.	1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni bil-konz li jistadu direttament għat-tonn u għall-kastardella bejn 20° N u 20° S, ma għandhomx jużaw fili tal-metall bħala brazzoli jew truf tax-xolfa tal-metall u għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw kalamenti tal-klieb il-baħar jew brazzoli li jkunu mwaħħlin direttament mal-knuz pelaġiċi jew mill-imtielaq, magħrufa bħala kalamenti tal-klieb il-baħar kif muri fl-Anness VI. Il-bastimenti li jġorru fili tal-metall bħala brazzoli jew truf tax-xolfa tal-metall għandhom ***iżommuhom stivati***.

Or. en

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2022/2056
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-eżemplari ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi li jinqabdu u jiġu ffriżati b'mod mhux intenzjonat bħala parti minn operazzjoni ta' ***bastimenti*** tas-sajd bit-tartarun tal-borża, għandhom jiġu ċeduti mill-bastiment tas-sajd lill-awtoritajiet ***governattivi responsabbli*** jew jiġu skartati fil-punt tal-ħatt l-art jew tat-trażbord. Il-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku ċeduti b'dan il-mod ma jistgħux jinbiegħu jew jitpartu mill-awtoritajiet ***governattivi responsabbli*** iżda jistgħu jingħataw b'donazzjoni għall-finijiet ta' konsum domestiku mill-bniedem.	5. L-eżemplari ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi li jinqabdu u jiġu ffriżati b'mod mhux intenzjonat bħala parti minn operazzjoni ta' ***bastiment*** tas-sajd bit-tartarun tal-borża, għandhom jiġu ċeduti mill-bastiment tas-sajd lill-awtoritajiet ***kompetenti*** jew jiġu skartati fil-punt tal-ħatt l-art jew tat-trażbord. Il-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku ċeduti b'dan il-mod ma jistgħux jinbiegħu jew jitpartu mill-awtoritajiet ***kompetenti*** iżda jistgħu jingħataw b'donazzjoni għall-finijiet ta' konsum domestiku mill-bniedem.

Or. en

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2022/2056
Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-eżemplari ta' tawri seta li jinqabdu u jiġu ffriżati b'mod mhux intenzjonat bħala parti minn operazzjoni ta' ***bastimenti*** tas-sajd bit-tartarun tal-borża, għandhom jiġu ċeduti mill-bastiment tas-sajd lill-awtoritajiet ***governattivi responsabbli*** jew jiġu skartati fil-punt tal-ħatt l-art jew tat-trażbord. It-tawri seta ċeduti b'dan il-mod ma jistgħux jinbiegħu jew jitpartu mill-awtoritajiet ***governattivi responsabbli*** iżda jistgħu jingħataw b'donazzjoni għall-finijiet ta' konsum domestiku mill-bniedem.	6. L-eżemplari ta' tawri seta li jinqabdu u jiġu ffriżati b'mod mhux intenzjonat bħala parti minn operazzjoni ta' ***bastiment*** tas-sajd bit-tartarun tal-borża, għandhom jiġu ċeduti mill-bastiment tas-sajd lill-awtoritajiet ***kompetenti*** jew jiġu skartati fil-punt tal-ħatt l-art jew tat-trażbord. It-tawri seta ċeduti b'dan il-mod ma jistgħux jinbiegħu jew jitpartu mill-awtoritajiet ***kompetenti*** iżda jistgħu jingħataw b'donazzjoni għall-finijiet ta' konsum domestiku mill-bniedem.

Or. en

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (UE) 2022/2056
Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-Artikolu 18, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	3a. Għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti kollha tas-sajd bil-konz u bit-tartarun tal-borża li jaqbdu, iżommu abbord, jittrażbordaw, jaħżnu, iħottu l-art jew joffru għall-bejgħ kwalunkwe ċetaċju (infraordni Ċetaċea) shiħ jew parti minnu.

Or. en

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (UE) 2022/2056
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt d

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4a) Fl-Artikolu 37(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(d) ***ir-rilaxx sikur*** taċ-ċetaċji.	***"(d) il-manipulazzjoni u r-rilaxx sikuri*** taċ-ċetaċji.***"***

Or. en

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)
Regolament (UE) 2022/2056
Artikolu 38 – paragrafu 3 – punti ia (ġdid) u ib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Fl-Artikolu 38(3), jiżdiedu l-punti li ġejjin:
	"(ia) il-progress bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-konservazzjoni taċ-ċetaċji, inkluża l-informazzjoni miġbura dwar l-interazzjonijiet maċ-ċetaċji fis-sajd ġestit skont il-Konvenzjoni;
	(ib) kwalunkwe qabda aċċessorja tat-Tonn Blu tal-Paċifiku (Thunnus orientalis)."

Or. en

Ġustifikazzjoni

CMM/2024/01 u CMM/2024/02

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 5a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipprojbixxu l-bastimenti tal-bandiera tagħhom milli jistadu għat-tonn obeż, għat-tonn isfar u għall-palamit fiż-żona ***ta' kompetenza tal-IOTC*** għal perjodu minimu ta' 31 jum konsekuttiv. Il-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu fiż-ŻEE ta' Stat Membru jistgħu jiġu esklużi.	1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipprojbixxu l-bastimenti tal-bandiera tagħhom milli jistadu għat-tonn obeż, għat-tonn isfar u għall-palamit fiż-Żona għal perjodu minimu ta' 31 jum konsekuttiv. Il-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu fiż-ŻEE ta' Stat Membru jistgħu jiġu esklużi.

Or. en

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 5a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw il-waqfien mis-sajd għandhom jikkomunikaw il-perjodu magħżul għall-waqfien mis-sajd lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IOTC sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru.	2. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw il-waqfien mis-sajd għandhom jikkomunikaw il-perjodu magħżul għall-waqfien mis-sajd lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IOTC sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru.

Or. en

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u l-bastimenti tal-provvista	1. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u l-bastimenti tal-provvista

assoċjati biss jistgħu jużaw l-irkapti mitluqa għal riħhom biex jinġema' l-ħut (id-DFADs) u l-bagi tal-istrumenti.	assoċjati biss jistgħu jużaw l-irkapti mitluqa għal riħhom biex jinġema' l-ħut (id-DFADs) u l-bagi tal-istrumenti.
	Or. en

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8a – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan nazzjonali ta' ġestjoni għall-użu tad-DFADs mill-bastimenti tas-sajd tagħhom. Il-pjan ta' ġestjoni għandu jsegwi l-linji gwida stabbiliti fl-Anness 2.	7. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan nazzjonali ta' ġestjoni għall-użu tad-DFADs mill-bastimenti tas-sajd tagħhom. Il-pjan ta' ġestjoni għandu jsegwi l-linji gwida stabbiliti fl-Anness 2 ***- A***.
	Or. en

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8a – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-pjan ta' ġestjoni msemmi fil-paragrafu 7 mhux aktar tard minn 75 jum qabel il-laqgħa annwali tal-IOTC ***tal-2025***, ***u mbagħad jissottomettu*** emendi ***annwali meta jkun meħtieġ***.	8. L-Istati Membri għandhom***,*** ***mingħajr dewmien,*** jippreżentaw lill-Kummissjoni l-pjan ta' ġestjoni msemmi fil-paragrafu 7***, kif ukoll kwalunkwe emenda sussegwenti għall-pjan. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-pjanijiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri lis-Segretarjat tal-IOTC,*** mhux aktar tard minn 75 jum qabel il-laqgħa annwali tal-IOTC, ***kif ukoll*** emendi ***sussegwenti għal dawk il-pjanijiet***.
	Or. en

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8b – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-1 ta' Jannar 2026, ma jibqgħux jużaw id-DFADs tal-kategorija V u jużaw biss id-DFADs tal-kategoriji I, II III u IV tal-bijodegradabbiltà kif definit fl-Anness ***III***;	(a) mill-1 ta' Jannar 2026, ma jibqgħux jużaw id-DFADs tal-kategorija V u jużaw biss id-DFADs tal-kategoriji I, II III u IV tal-bijodegradabbiltà kif definit fl-Anness ***3b***;

Or. en

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8b – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-1 ta' Jannar 2027, jużaw biss id-DFADs tal-kategoriji I u II, kif definit fl-Anness ***III***; u	(b) mill-1 ta' Jannar 2027, jużaw biss id-DFADs tal-kategoriji I u II, kif definit fl-Anness ***3b***; u

Or. en

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8b – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mill-1 ta' Jannar 2029, għandhom jintużaw biss id-DFADs tal-kategorija I, kif iddefinit fl-Anness ***III***.	(c) mill-1 ta' Jannar 2029, għandhom jintużaw biss id-DFADs tal-kategorija I, kif iddefinit fl-Anness ***3b***.

Or. en

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jippreżentaw kull sena l-għadd ta' bagi tal-istrumenti assenjati lilhom sa tmiem kull sena kalendarja, inklużi bagi tal-istrumenti li jkunu ntilfu, jew ġew abbandunati u/jew skartati b'żona maqsuma bi grilja ta' 1° b'1° u bis-saffi tax-xahar u t-tip ta' DFAD lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom. L-informazzjoni għandha tiġi stratifikata skont il-flotta, is-sena, ix-xahar u grilja ***ta' 1x1 gradi***, u espressa bħala l-għadd medju ta' kuljum ta' bagi tal-istrumenti attivi f'kull saff. L-Istati Membri għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 51(2).	2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jippreżentaw kull sena l-għadd ta' bagi tal-istrumenti assenjati lilhom sa tmiem kull sena kalendarja, inklużi bagi tal-istrumenti li jkunu ntilfu, jew ġew abbandunati u/jew skartati b'żona maqsuma bi grilja ta' 1° b'1° u bis-saffi tax-xahar u t-tip ta' DFAD lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom. L-informazzjoni għandha tiġi stratifikata skont il-flotta, is-sena, ix-xahar u grilja ta' ***1° b'1°***, u espressa bħala l-għadd medju ta' kuljum ta' bagi tal-istrumenti attivi f'kull saff. L-Istati Membri għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 51(2).

Or. en

Emenda 200

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sakemm il-Kummissjoni tinnotifika lill-Istati Membri bid-dħul fis-seħħ tar-reġistru tad-DFAD tal-IOTC, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jirreġistraw fil-ġurnal ta' abbord xieraq id-data, il-ħin u l-koordinati ġeografiċi (gradi deċimali) tal-użu għal kull baga tal-istrumenti, assoċjati man-numru ta' referenza uniku tal-baga tal-istrumenti.	3. Sakemm il-Kummissjoni tinnotifika lill-Istati Membri bid-dħul fis-seħħ tar-reġistru tad-DFAD tal-IOTC, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jirreġistraw fil-ġurnal ta' abbord xieraq id-data, il-ħin u l-koordinati ġeografiċi (gradi deċimali) tal-użu għal kull baga tal-istrumenti, assoċjati man-numru ta' referenza uniku tal-baga tal-istrumenti.

Or. en

Emenda 201

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8c – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ladarba l-Kummissjoni tinnotifika lill-Istati Membri bid-dħul fis-seħħ tar-reġistru tad-DFAD tal-IOTC, is-sidien tal-bagi għandhom idaħħlu l-informazzjoni li ġejja dwar l-użu tal-bagi tal-istrumenti:	4. Ladarba l-Kummissjoni tinnotifika lill-Istati Membri bid-dħul fis-seħħ tar-reġistru tad-DFAD tal-IOTC, is-sidien tal-bagi għandhom idaħħlu l-informazzjoni li ġejja dwar l-użu tal-bagi tal-istrumenti:

Or. en

Emenda 202

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8c – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-numru ta' referenza uniku tal-baga tal-istrumenti li jippermetti l-identifikazzjoni tas-sid tal-baga;	(a) in-numru ta' referenza uniku tal-baga tal-istrumenti li jippermetti l-identifikazzjoni tas-sid tal-baga;

Or. en

Emenda 203

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8c – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Is-sid tal-baga għandu jinnotifika, permezz tar-Reġistru tad-DFAD u fi żmien 24 siegħa mill-attivazzjoni, lis-Segretarjat tal-IOTC u lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu meta tiġi attivata baga tal-	6. Is-sid tal-baga għandu jinnotifika, permezz tar-Reġistru tad-DFAD u fi żmien 24 siegħa mill-attivazzjoni, lis-Segretarjat tal-IOTC u lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu meta tiġi attivata baga tal-

istrumenti, flimkien mal-identifikatur uniku tad-DFAD tal-IOTC kif ipprovdut mis-segretarjat tal-IOTC.	istrumenti, flimkien mal-identifikatur uniku tad-DFAD tal-IOTC kif ipprovdut mis-segretarjat tal-IOTC.

Or. en

Emenda 204

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8c – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw talba motivata għall-aċċess għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 4 (c), (d) u (j) dwar id-DFADs użati minn PKK oħra lill-Kummissjoni.	10. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw talba motivata għall-aċċess għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 4 (c), (d) u (j) dwar id-DFADs użati minn ***Stati Membri jew*** PKK oħra lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 205

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8c – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. F'każ li PKK oħra titlob aċċess għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 4 (c), (d) u (j) li tappartjeni għad-DFADs użati minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tgħaddi din it-talba lill-Istat Membru kkonċernat wara li titlob lill-PKK titlob ***ir-raġunament*** tat-talba. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni fi żmien 20 jum il-kunsens tiegħu biex jipprovdi l-informazzjoni fil-paragrafu 4 (j) jew ir-rifjut motivat tiegħu.	11. F'każ li ***Stat Membru jew*** PKK oħra titlob aċċess għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 4 (c), (d) u (j) li tappartjeni għad-DFADs użati minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tgħaddi din it-talba lill-Istat Membru kkonċernat***. Fil-każ li PKK oħra titlob l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat it-talba biss*** wara li titlob lill-PKK titlob ***ir-raġunijiet*** tat-talba. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni fi żmien 20 jum il-kunsens tiegħu biex jipprovdi l-informazzjoni fil-paragrafu 4 (j) jew ir-rifjut motivat tiegħu.

Or. en

Emenda 206

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jirreġistraw l-attivitajiet tas-sajd b'rabta ***mal-AFADs*** billi jużaw l-elementi speċifiċi tad-data stabbiliti fl-Anness 3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 51(2).	1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jirreġistraw l-attivitajiet tas-sajd b'rabta ***mal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-hut (***AFADs***)*** billi jużaw l-elementi speċifiċi tad-data stabbiliti fl-Anness 3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 51(2).

Or. en

Emenda 207

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan ta' ġestjoni nazzjonali għall-użu tal-AFADs mill-bastimenti tas-sajd tagħhom. Il-pjan ta' ġestjoni għandu jsegwi l-linji gwida stabbiliti fl-Anness 2.	2. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan ta' ġestjoni nazzjonali għall-użu tal-AFADs mill-bastimenti tas-sajd tagħhom. Il-pjan ta' ġestjoni għandu jsegwi l-linji gwida stabbiliti fl-Anness 2 ***- B***.

Or. en

Emenda 208

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom iwettqu	4. L-Istati Membri għandhom iwettqu

spezzjonijiet fuq il-baħar biex jiżguraw li l-AFADs użati jkunu mmarkati u mibnija f'konformità mal-Artikolu 9a.	spezzjonijiet fuq il-baħar biex jiżguraw li l-AFADs użati jkunu mmarkati u mibnija f'konformità mal-Artikolu 9a.

Or. en

Emenda 209

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni meta AFAD ġdid jintuża fl-ilmijiet tal-Unjoni, fi żmien 15-il jum mill-użu, bl-informazzjoni li ġejja:	L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni meta AFAD ġdid jintuża fl-ilmijiet tal-Unjoni, fi żmien 15-il jum mill-użu, bl-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 210

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Numru Uniku ta' Identifikazzjoni Nazzjonali, imsemmi fil-paragrafu ***4***.	(c) Numru Uniku ta' Identifikazzjoni Nazzjonali, imsemmi fil-paragrafu ***3***.

Or. en

Emenda 211

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mhux aktar tard minn 75 jum qabel il-laqgħa annwali tal-IOTC, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport ta' progress ***tal-implimentazzjoni*** tal-pjan ta'	6. Mhux aktar tard minn 75 jum qabel il-laqgħa annwali tal-IOTC, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport ta' progress ***dwar l-implimentazzjoni*** tal-pjan

ġestjoni għall-użu tal-AFADs, u, jekk ikun meħtieġ, rieżami tal-pjan ta' ġestjoni ppreżentat inizjalment. Ir-rapport ta' progress għandu jinkludi reġistru ta' AFADs użati, mitlufa, abbandunati u skartati u l-għadd u l-eżitu tal-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.	ta' ġestjoni għall-użu tal-AFADs, u, jekk ikun meħtieġ, rieżami tal-pjan ta' ġestjoni ppreżentat inizjalment. Ir-rapport ta' progress għandu jinkludi reġistru ta' AFADs użati, mitlufa, abbandunati u skartati u l-għadd u l-eżitu tal-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.
	Or. en

Emenda 212

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 9a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri u l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jiżguraw li jitqiesu n-natura u l-profil tal-qiegħ tal-baħar meta jintgħażel sit għall-użu jew is-sostituzzjoni tal-AFADs użati. Fejn possibbli, ***jenħtieġ li*** jiġu evitati siti b'inklinazzjonijiet weqfin ***biex*** jiġi minimizzat ir-riskju ta' telf.	3. L-Istati Membri u l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jiżguraw li jitqiesu n-natura u l-profil tal-qiegħ tal-baħar meta jintgħażel sit għall-użu jew is-sostituzzjoni tal-AFADs użati. Fejn possibbli, ***għandhom*** jiġu evitati siti b'inklinazzjonijiet weqfin ***sabiex*** jiġi minimizzat ir-riskju ta' telf.
	Or. en

Emenda 213

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
